# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 8**

**Rikors Numru : 246/2007/JPG**

**Scerri Charles**

**(ID 183165(M))**

**VS**

***Dougall Busuttil Anton**

**(ID 233052(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur Charles Scerri fil-5 ta' Marzu 2007, li jaqra hekk:

1. *"Illi l-attur kien gie inkarigat mill-konvenut Anton Busuttil Dougall, direttur u azzjonista tas-socjetajiet Astoria Limited (C3786), Perla Hotels Limited (C7455) (gia Perla Patissiere Limited), Valletta Publishing & Promotion Limited (C5165) u San Germain Limited (C13068), ilkoll ta' 33, Windsor Street, Paola sabiex iwettaq xoghol ta awditjar u konsulenza ghall-perjodu ta' bejn is-sena elfejn u wiehed u s-sena elfejn u hamsa (2001-2005)*

2. *Illi matul dan l-imsemmi perjodu, l-attur renda diversi servizzi ta' awditjar u/jew konsulenza lill-imsemmija socjetajiet;*

3. *Illi nonostante xi hlasijiet akkont tal-kontijiet mahruga mill-attur ghas-servizzi professjonali rezi mill-attur lill-imsemmija socjetajiet, l-ammont globali ta' tmint elef tmien mija wiehed u sebghin Lira Maltija u erbghin w sittin centezmu (Lm 8,871.64) rapprezentanti l-bilanc tal-imsemmija kontijiet (maqsuma bejn is-socjetajiet imsemmija) baqghu ma thallsux mill-imsemmija socjetajiet u dan nonostante diversi nterpellazzjonijiet mill-attur;*

4. *Illi fi Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) il-konvenut propona ftehim lill-attur sabiex l-attur jidhol shab / socju mal-konvenut b'partecipazzjoni f'partijiet ugwali bejniethom (hamsin fil mija kull wiehed, 50% - 50%) f'negozju ta' operazzjoni ta' kafetteria bl-isem 'Giorgiani's Cafe' minn fond formanti parti mid-Dragon Hotel f'Paceville, proprjeta' ta' terzi. Dejjem skond il-konvenut, dan il-fond kien jinsab okkupat u kontrollat minn wahda mis-socjetajiet debituri tal-attur, precizament Astoria Limited, taht titolu ta' kera;*

5. *Illi l-konvenut propona lill-attur li bhala kontribut ghal sehmu f'dan in-negozju huwa jahfer id-dejn kollu dovut sa dakinhar mis-socjetajiet debituri imsemmija aktar l'fuq ammontanti ghall-sebat elef hames mija u wiehed Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm7,501.1) (ara Dok. CSI sa Dok CS4) u inoltre johrog tmint elef lira Maltin ohra ghall-investiment totali ta' hmistax-il elf hames mija u wiehed Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm15,501.10) u dan bhala s-sehem tal-attur sabiex jigi finanzjat l-investiment inizjali li kien jehtieg f'dan il-fond sabiex jigi arredat u avvjat Giorgiani's Cafe, inkluz bix-xiri ta' makkinarju u mobbli ohra. Il-konvenut kien informa lill-attur li l-investiment inizzjali globali mehtieg kien ser jammonta ghal circa tletin elf lira Maltin (Lm 30,000). Il-hamsin fil-mija (50%) l-ohra tal-ammont ta' dan l-investiment inizjali kellu jaghmel tajjeb u jikkontribwieh il-konvenut;*

6. *Illi l-attur accetta dan l-arrangament u ghadda is-somma ta' tmint elef lira Maltin (Lm 8,000) permezz ta' cekkijiet bankarji u trasferimenti kif jidher mid-dokumenti hawn anessi u mmarkati Dok.CS5 sa Dok.CS8;*

7. *Illi l-konvenut kien wieghed lill-attur li huwa kien ser jiehu hsieb u jaghmel l-arrangamenti necessarji sabiex il-fond intiz ghall-operazzjoni tan-negozju ta' Giorgiani's Cafe, jigi sullokat lill-attur u l-konvenut a fini ta' dan in-negozju;*

8. *Illi l-konvenut kien informa lill–attur li din is-sullokazzjoni kienet ser tiswihom elfejn lira Maltin (Lm 2,000) fis-sena u l-attur acetta dan stante li tigi konfermata s-sullokazzjoni;*

9. *Illi l-konvenut wieghed lill-attur li hu kien ser jiehu hsieb jakkwista l-makkinarju necessarju u jarreda l-fond imsemmi, kif ukoll gie deciz bejn il-partijiet illi in-negozju kellu jigi amministrat mill-konvenut, b'dan illi l-attur kellu jigi informat u aggornat regolarment bl-andament tan-negozju kif ukoll il-konvenut kellu jghaddi d-dokumentazzjoni u informazzjoni kollha necessarja sabiex l-attur jkun jista jiehu hsieb il-kontabilita' tan-negozju;*

10. *Illi ghal fini tan-negozju imsemmi il-kontendenti fethu kont bankarju kongunt mal-HSBC (il-banka ta' San Gwann) numru tal-kont zero sebgha hamsa zero disgha sebgha zero disgha sebgha zero zero wiehed (075097097001) denominat AB Dougall & C Scerri A/C Giorgiani's Cafe fejn di fatti l-attur iddepozita it-tmint elef lira Maltin (Lm8,000) formanti mill-kontribut tieghu ghall-investment inizzjali kif spjegat aktar 'l fuq. Dan il-kont bankarju kellu jservi sabiex tramite l-istess jigu gestiti l-fondi relatati ma dan in-negozju inkluz fejn kellhom isiru d-depoziti.*

11. *Illi ai termini tal-ftehim l-amministrazzjoni tan-negozju kienet issir kompletament mill-konvenut u dan inkluz in-negozjati mas-suppliers, xiri u hlas ta' l-istess supplies, il- konsenja tal-istess, inkluz minghand socjetajiet amministrati u kontrollati mill-istess konvenut, gbir ta' flus u depoziti u management tal-hanut. Il-konvenut kien jipprovdi wkoll is-servizz ta' provizjoni ta' impjegati tas-socjetajiet debituri precitati kontrollati minnu u dan kif kien jidhirlu necessarju ghall-operat ta' Giorgiani's Cafe. Dan kien isehh kontra hlas minn-negozju ta' Giorgiani's Cafe lill-imsemmija socjetajiet.*

12. *Illi wara appena l-ewwel tlett xhur tan-negozju il-konvenut waqaf jissuplixxi informazzjoni dwar l-andament tan-negozju inkluz sales, ordinijet, hlasijiet, u depoziti u dan nonostante diversi talbiet ghall-informazzjoni mill-attur. Per konsegwenza l-attur ma kienx jaf x'inhu jigri f' Giorgiani's Cafe u anqas seta jzomm aggornata il-kontabilita tan-negozju. Il- konvenut kien jillimita ruhu*

*jghaddi lill-attur cekkijiet bankarji vojta sabiex l-attur jiffirma l-istess u dan minghajr gustifikazzjoni. Meta mistoqsi mill-attur ghall-gustifikazzjoni dwar il-bzonn ta' u l-uzu mill-konvenut ta' tali cekkijiet dan kien dejjem jghid illi dawn kien jehtieghom allegatament ghall-hlas ta' suppliers.*

13. *Illi kif ser jigi provat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-amministrazzjoni tan-negozju da parti tal-konvenut kienet negligenti u/jew doluza fil-konfront tal-attur peress illi inter alia l-attur sahansitra skopra illi f'certi okkazjonijiet il-konvenut kien qed jaghmel ordnijiet ta' prodotti u jhallas l-istess prodotti kienu qed jigu mwassla f'hwienet ohra kontrollati mill-konvenut u/jew is-socjetajiet tieghu rivenduti u/jew konsmati fl-interess uniku tal-konvenuti u/jew tas-socjetajiet kontrollati minnu. Dan kollu b'danni ingenti ghall-attur.*

14. *Illi inoltre, kif ser jigi provat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-konvenut kien jamministra in-negozju li kellu bi shab mal-attur gewwa Giorgiani's Cafe, fl-interess uniku tieghu u/jew tas-socjetaijiet kontrollati minnu, u dan inter alia billi xi akkwisti ghan-negozju ta' Giorgiani's Cafe kienu jsiru tramite il-konvenut u/jew is-socjetajiet kontrollati minnu li kienu jbighu il-prodotti hekk akkwistati lill-Giorgiani's Cafe bi qliegh. Dan kollu b'danni konsiderevoli ghall-attur;*

15. *Illi nonostante diversi talbiet mill-attur, il-konvenut qatt ma ta' ebda sodisfazzjoni lill-attur li l-fond minn fejn kienu joperaw in-negozju ta' Giorgianis Cafe kien effetivament sullokat lill-attur u lill-konvenut bhala shab fin-negozju, tant illi l-attur qatt ma ffirma jew gie muri ebda kuntratt ta' sullokazzjoni u/jew xi dokument iehor rigwardanti t-titolu fuq dan il-fond, pero nonostante dan, il-konvenut kien jinsisti li l-ammont ta elfejn lira Maltin (Lm2,000) annwi jithallsu puntwalment lis-socjeta kontrollata minnu Astoria Limited bhala kirja;*

16. *Illi sahansitra minghajr ma avza jew involva b'ebda mod lill-attur, fis- sena elfejn u hamsa (2005) il-konvenut alliena l-avveniment ta' Giorgiani's Cafe flimkien mal-makkinarju u mobbli l-ohra tan-negozju, l-fond min fejn kien jitmexxa l-imsemmi negozju (hamsin fil-mijja propjeta tal-attur), lil terzi. Dan l-attur sar jafu minn terzi. Dan ukoll sar b'danni konsiderevoli lill-attur.*

17. *Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-attur, il-konvenut ghadu sal-gurnata tal-lum ma' fornix rendikont tal-amministrazzjoni tieghu ta' Giorgiani's Cafe u anqas rendikont tal-alienazzioni tal-istess lill-terzi. Meta mitlub mill-attur, il-konvenut prometta li kien ser jaghddi lill-attur hamsin fil-mijja mir-rikavat ta' alienazzjoni tan-negozju pero' sal-lum il-konvenut baqa inadempienti anke f'dan ir-rigward.*

18. *Illi fic-cirkostanzi l-attur ma kellux triq ohra hlief li jintavola din il-kawza.*

19. *Illi dawn l-fatti, l-attur jafhom huwa personalment.*

*Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

1. *Tordna lill-konvenut jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu tan-negozju ta' Giorgiani's Cafe u l-alienazzjoni lil terzi tal-istess negozju, inkluz il-makkinarju u mobbli ohra formanti parti mill-istess negozju billi inter alia jipproduci d-dokumenti kollha fil-pussess tieghu relattivi ghan-negozju u l-aljenazzjoni tieghu in support ta' tali rendikont dwar l-amministrazzjoni u alienazzjoni tan-negozju;*

2. *Tillikwida sehem l-attur fin-negozju u/jew kull somma ohra dovuta lilu rizultanti mill-qliegh tan-negozju u/ jew mill-aljenazzjoni tal-istess u dan okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;*

3. *Tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata;*

4. *Tiddikjara illi l-amministrazzjoni tan-negozju da' parti tal-konvenut kienet negligenti u/jew doluza fil-konfront tal-attur u dan b'dannu konsiderevoli ghall-attur;*

5. *Tikkundanna lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha hekk sofferti mill-attur;*

6. *Tillikwida dawk id-danni sofferti mill-attur u dan okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;*

7. *Tordna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat lilu minn dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Anton Busuttil Dougall tat-12 ta' Marzu 2008 (a fol. 59 et seq.)li taqra hekk:

**1.** *Illi t-talbiet dedotti kontra l-eccippjent ghandhom jigu lkoll, respinti peress illi sejrin jirrizultaw privi minn kull fundament legali u fattwali.*

2. *Illi l-allegata shubija li kien hemm ma' l-attur fil-gestjoni tal- Giorgiani's Cafe' fil-fatt ma gietx pattwita mal-istess konvenut di proprio izda mas-socjeta' Astoria Limited u in vista ta' dan ghandu jirrizulta li l-konvenut personalment ma hux il-legittimu kontradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzzju.*

3. *Illi bhala rizultat tal-kontenut tal-paragrafu precedenti ghandu jirrizulta kwindi illi l-gudizzju mhux integru stante li l-kawza giet intavolata kontra l-persuna zbaljata.*

4. *Illi qatt ma kien hemm ftehim pattwit sabiex l-attur ikollu xi forma ta' titolu favur tieghu fuq l-istabbilment in kwistjoni stante li l-intesa dejjem kienet u baqghet li t-titolu jibqa jghajjat lil Astoria Limited. Fil-fatt qatt ma sar diskors u wisq anqas ftehim bejn il-partijiet f'dan is-sens.*

5. *Illi l-ftehim bejn l-attur u s-socjeta' Astoria Limited dwar it-tmexxija tal-istabbiliment Giorgiani's Cafe' u kif ukoll dwar in-negozju gestit fin-Nero's snack bar limitament ghal bejgh ta pastizzi u pizza u li dwar dan ta' l-ahhar l-*

*attur nesa jsemmi, kien fis-sens illi l-attur kellu jiehu hsieb l-accounts ta' dawn iz-zewg negozji kemm bhala sieheb u kif ukoll fil-kariga tieghu professjonali ta' accountant inkarigat mis-socjetajiet kollha tal-konvenut imsemmija u indikati mill-attur stess filwaqt li l-konvenut kellu jiehu hsieb id-day to day running tal-istess negozji;*

6. *Illi filwaqt li l-konvenut esegwixxa bl-ahjar abbilta' tieghu t-tmexxija ta' kuljum ta dawn iz-zewg negozji, l-attur pero' naqas milli jonera l-obbligi minnu assunti in vista tal-fatt illi ghalkemm id-dokumentazzjoni kollha relattiva ghal dawn iz-zewg negozji kienu jghaddu f'idejh b'mod regolari, huwa naqas milli jiprepara u jahdem fuq l-accounts tal-istess.*

7. *Illi t-talbiet kollha tal-attur li jirrigwardjaw ir-rendikont tan-negozju qatt ma jistghu jigu milqugha peress illi tali rendikont ghandu jsir u jigi attwat minnu stess u mhux mill-konvenut in vista tal-fatt li kif gia ntqal hawn fuq, l-inkartament u d-dokumentazzjoni kollha relattiva gia tinsab f'idejh u difatti tinsab anke inserita fis-sistema komputerizzata tieghu. Difatti f'dan ir-rigward jinghad illi d-denunzji kollha tal-VAT kienu jigu ppreparati, mahduma, mimlija u konsenjati mill-attur stess naturalment mill-informazzjoni kollha li kellu f'idejh; Ma jaghmilx sens ghalhekk illi qed jitlob rendikont tan-negozju meta hu stess kien jimla id-denunzji peress illi minghajr tali informazzjoni huwa mpossibli biex tipprezenthom lid-Dipartiment tal- VAT.*

8. *Illi dwar l-assenjazzjoni tal-Giorgiani's Cafe', din giet esegwita ferm zmien wara li kienet giet itterminata l-joint venture bejn l-attur u s-socjeta Astoria Limited u inoltre l-istess assenjazzjoni giet esegwita favur ta' terzi mill-istess Astoria Limited u mhux mill-konvenut di proprio. Tant hu hekk illi meta giet terminata l-ishubija, l-attur kien gie mitlub diversi drabi sabiex jiffinalizza l-konteggi kollha u sabiex jaghlaq l-accounts ta' l-istess, liema esercizzju pero' baqa qatt ma sar.*

9. *Illi f'dan ir-rigward, l-attur kien gie mistieden ukoll sabiex jaccetta d-divizjoni tal-assi ta din l-ishubija, pero huwa m'accettax peress illi spjega li gia kellu l-garage tieghu mimli apparat provenjenti minn joint venture ohra li kienet falliet.*

10. *Illi fil-gestjoni ta' kuljum ta dawn in-negozji, l-konvenut dejjem agixxa b'diligenza u serjeta assoluta u kwindi ma hux minnu li huwa agixxa b'negligenza jew addirittura b'dolozita u mhux talli ma kienx il-kagun ta xi Danni pretizi mill-attur izda lanqas ma hu minnu li l-attur sofra xi danni.*

11. *Illi l-fatti kontenuti fil-paragrafi u risposti precedenti huma lkoll maghrufa mill-istess konvenut.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed minn issa jigi ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-11 ta' Gunju 2008 (a fol. 62) fejn innominat lil Dr. Gillian Portelli bhala Assistent Gudizzjarju;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-5 ta'Marzu 2009 (a fol. 92) fejn irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli u innominat ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Charles Scerri tal-15 ta' Novembru 2013 (a fol. 115 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut tat-8 ta' Jannar 2014 (a fol. 133 et seq.);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Stefano Filletti mahluf fl-4 ta' Settembru 2014 (a fol. 145 et seq.);

Rat in-nota tal-konvenut tat-30 ta' Dicembru 2014, li permezz taghha ressaq id-domandi in eskussjoni lil Dr Stefano Filletti (a fol. 374A et seq.);

Rat ir-risposti tal-eskussjoni tal-Perit Legali Dr. Stefano Filletti tas-7 ta' Jannar 2015 (a fol. 375 et seq);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda tal-attur, **Charles Scerri,** fl-affidavit tieghu jirrizulta illi x-xoghol tieghu kien ta' awditur, u ghandu ditta illi toffri servizzi ta' konsulenza, *accountancy* u ta' awditjar. Scerri kien sar jaf lil Anton Busuttil Dougall ghall-habta ta l-1984, meta kien ghadu student u kien beda jaghmel xoghol *part-time* ta' *book-keeping* ghal xi socjetajiet tieghu. Fl-1998, kiseb il-*warrant* ta' awditur, u minn dak iz-zmien beda jipprovdi lil Dougall servizzi ta' konsulenza u awditjar ghad-diversi socjetajiet tieghu, fosthom Astoria Services Limited (C3786), Perla Hotels Limited (C7455) (gia Perla Patissiere Limited), Valletta Publishing & Promotion Limited (C5165) u San Germain Limited (C13068), lkoll ta' 33, Windsor Street, Poala. Il-hlasijiet dovuti lilu minn dawn is-socjetajiet ghas-servizzi rezi minnu huma dawk li jidhru f'Dok.CS1, Dok.CS2, Dok.CS3 u Dok.CS4 a fol.7 sa 10. Charles Scerri xehed illi il-bilanc dovut minn dawn is-socjetajiet ta' Dougall f'Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) ghalhekk kien ta' sebat elef hames mija u lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm7,501.10), li Dougall qatt ma kkontesta dawn l-ammonti anzi kien dejjem iwieghdu li ser ihallsu.

Scerri xehed illi fil-bidu tas-sena 2003, Dougall kien ghamillu proposta sabiex jidhlu shab flimkien f'partijiet ugwali bejnietom (hamsin fil-mija kull wiehed (50% - 50%) f'negozju ta' operazzjoni ta' kafetterija u ipproponielu illi s-sehem tieghu f'dan in-negozju kellu jkun l-ammont dovut lilu mis-socjetajiet tieghu, u cioe s-somma ta' sebat elef hames mija u lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm7,501.10) u kellu jzid maghhom is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000). Ghalhekk il-kontribuzzjoni tieghu f'dan in-negozju ammontat ghal **hdax-il elf u hames mija u lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm11,501.10).** Charles Scerri laqgha din il-proposta u zied erbat elef lira Maltin (Lm4,000) ohra maghhom. F'dan ir-rigward kkjarifika dak li inghad f'paragrafu hamsa (5) tar-rikors guramentat tieghu fejn issir riferenza ghas-somma ta' tmint elef lira Maltin (Lm8000) bhala l-kontribut addizjonali tieghu ghan-negozju, fis-sens li **fil-fatt huwa hareg erbat elef lira Maltin oltre' l-ammont li kien dovut lilu mis-socjetajiet**

**ta' Dougall.** Charles Scerri xehed illi fil-fatt 'Dok.CS5' sa 'Dok.CS8' annessi mar-rikors guramentat jirreferu ghal zewg (2) *cheques* ta elfejn lira Maltin (Lm2,000) u d-*deposit slips* relattivi taghhom, ammontati ghal erbat elef lira Maltin (Lm4,000). Ic-*cheque* bin-numru 480 (Dok. CS5) jikkorispondi mad-*deposit slip* bin-numru 145 (Dok. CS6), filwaqt li c-*cheque* bin-numru 507 (Dok CS7) jikkorrispondi mad-*deposit slip* bin-numru 159 (Dok. CS8).

Charles Scerri xehed illi n-negozju bejn il-kontendenti kien dwar gestjoni ta kafetterija 'Giorgiani's Cafe' li kien jifforma parti mid-Dragon Hotel f'Paceville, proprjeta' ta' terzi. Scerri xehed illi, dejjem skond Dougall, dan il-fond kien jinsab okkupat u kontrollat taht titolu ta' kera, minn Astoria Services Limited wahda mis-socjetajiet ta' Dougall, liema socjeta kienet debitrici tieghu ghal servizzi professjonali ohra rezi lilha. Charles Scerri ddikjara illi huwa qatt ma kien ra xi kuntratt u/jew xi forma ta skrittura dwar it-titolu li kienet tgawdi din is-socjeta' fuq dan il-fond. Charles Scerri xehed illi huwa accetta il-proposta ta' Dougall biex jidhol bi shab mieghu fil-gestjoni ta' dan in-negozju ghar-raguni principali illi, Dougall kellu esperjenza vasta fis-settur tal-*catering*, kien se jigbor l-ammont lilu dovut lilu u jaghmel qliegh ragjonevoli.

Apparti minn dan, Scerri illi l-lokalita' tal-kafetterija, u cjoe', fil-qalba ta' Paceville kienet wahda eccellenti. Ghalhekk Scerri halla l-preparattivi kollha ghall-gharmar tal-kafetterija u l-gestjoni kollha tal-istess f'idejn Dougall. Meta dahal bi shab ma' Dougall f'dan in-negozju, Giorgiani's Cafe ma kienx jopera u kien jinhtieglu jigi arredat.

Scerri ppreciza dak li qal f'paragrafu hamsa (5) tar-rikors guramentat tieghu u cioe' illi l-investiment inizjali globali mehtieg sabiex jinbeda dan in-negozju kellu jkun ta' madwar **ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000),** u mhux ta' tletin elf lira Maltin (Lm30,000) kif indikat fl-istess rikors guramentat.
Charles Scerri xehed illi ghal fini tan-negozju, huwa u Dougall fethu kont bankarju kongunt ma' l-HSBC Bank (Malta) plc (branka ta' San Gwann), numru tal-kont zero sebgha hamsa zero disgha sebgha zero disgha sebgha zero zero wiehed (075097097001) denominat AB Dougall & C Scerri A/C Giorgiani's Cafe, f'liema kont di fatti ddepozitaw l-erbat elef lira Maltin (Lm4,000) indikati u dan il-kont

bankarju kellu jservi sabiex tramite l-istess jigu gestiti l-fondi relatati ma dan in-negozju, inkluz fejn kellhom isiru d-depoziti.

Scerri xehed illi Dougall kien dejjem iwieghdu li huwa ser jaghmel l-arrangamenti necessarji sabiex il-fond intiz ghall-operazzjoni tan-negozju ta' Giorgiani's Cafe, jigi sullokat minghand is-socjeta' ta' Dougall stess 'Astoria Services Limited', direttament lilu u lil Dougall bhala shab fin-negozju tal-kafetterija. Fil-fatt Scerri xehed illi Dougall infurmah li din is-sullokazzjoni kienet ser tiswiehom elfejn lira Maltin (Lm2,000) fis-sena bejniethom, u Scerri accetta bil-kundizzjoni li jsir kuntratt ta' sullokazzjoni. Scerri xehed illi fil-fatt Dougall ircieva elfejn lira Maltin (Lm2,000) fis-sena ghas-sena 2003 u ghas-sena 2004, u cjoe' total ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) ghal din l-kirja, minkejja li baqa' qatt ma tah prova ta' titolu tan-negozju taghhom fuq l-istess fond, u minkejja t-talbiet tieghu sabiex jirregolizzaw il-posizzjoni taghhom b'kuntratt.

Charles Scerri xehed illi kienu ftehmu wkoll illi n-negozju kellu jamministrah Dougall, u b'dan li jzommu infurmat u aggornat regolarment bl-andament tan-negozju, u kellu wkoll jghaddilu d-dokumentazzjoni sabiex huwa jkun jista jiehu hsieb il-kontabilita' tan-negozju. Dougall kellu juza wkoll impjegati ta' xi socjetajiet tieghu ghall-operat tal-kafetterija.

Charles Scerri xehed illi dan kien isehh kontra hlas min-negozju ta' Giorgiani's Cafe u qatt ma nghata rendikont ta' numru ta' haddiema kienu di fatti qed joperaw minn Giorgiani's cafe u l-hinijiet taghhom fil-kafetterija u jekk dawn kienux qed ihallsuhom mill-flus tan-negozju ghall-xoghol li kienu qed jaghmlu fi hwienet ohra gestiti minn Dougall. Il-gestjoni tan-negozju mhollija f'idejn Dougall kienet tinkludi wkoll in-negozjati mas-*suppliers*, xiri u hlas tal-merkanzija, konsenja ta' l-istess, inkluz ukoll minghand socjetajiet amministrati u kontrollati minn Dougall stess, gbir ta' flus u depoziti u *management* tal-hanut. Charles Scerri jghid illi biex isiru hlasijiet kienu jiffirmaw *cheques* it-tnejn u n-numru tal-VAT ta' dan in-negozju kien f'isem Dougall ukoll.

Charles Scerri xehed illi fl-ewwel xhur ta' l-operat tan-negozju, Dougall kien ghaddielu dokumentazzjoni dwar il-gestjoni ta' Giorgiani's Cafe u b'din l-informazzjoni li ghaddielu huwa pprepara *management account* mil-liema rrizulta illi

l-materjal (*supplies*, l-ispejjez u l-*labour* (xogholijiet ta l-impjegati) kienu wisq gholja u eccessivi meta mqabbla mal-profitt li ghamel in-negozju. Ghalhekk huwa talab spjegazzjoni ghal dan lil Dougall, izda meta kkonfrontah, ghalkemm ametta li r-rizultati ma kienux tajbin, qatt ma tah spjegazzjoni jew sodisfazzjoni u beda jdawwarlu d-diskors. Fil-fatt minn dakinhar 'il quddiem qatt aktar m'ghaddielu dokumentazzjoni ohra dwar dan in-negozju u ghalhekk huwa m'ghandu ebda rendikont car dwar fejn mar l-investiment tieghu.

Charles Scerri xehed illi dan ifisser illi **wara appena l-ewwel tlett xhur tan-negozju Dougall waqaf jissuplixxilu informazzjoni dwar l-andament tan-negozju inkluz *sales*, ordinijiet hlasijiet, u depoziti** u dan nonostante li ghamillu diversi talbiet ghall-informazzjoni. Charles Scerri qal illi ghalhekk la qatt seta' jkun jaf x'jigri f'Giorgiani's Cafe u anqas seta jzomm aggornata l-kontabilita' tan-negozju kif kienu ftehmu. Fil-konfront tieghu, Scerri qal illi Dougall kien illimita ruhu biss li jghaddilu cekkijiet bankarji mhux indirizzati u bla figuri u dan tramite ibnu Rudy, sabiex jiffirmahom, u dan minghajr ebda gustifikazzjoni. Meta kien jitlob spjegazzjoni, Dougall kien jghidlu li kellu bzonnhom sabiex jithallsu s-*suppliers* tan-negozju taghhom.

Charles Scerri xehed illi minhabba li ma kien qieghed jissuspetta xejn, ghall-bidu kien qieghed jiffirmahhomlu, bl-isperanza li mbghad malli jghaddilu r-rendikont ta' l-amministrazzjoni, jaccerta ruhu minn dak kollu li jkun qieghed jigri, izda minn dan kollu ma gara xejn, u aktar ma beda ghaddej iz-zmien is-sitwazzjoni bdiet issir aktar inkwetanti ghax ma kien qieghed jigi nfurmat b'xejn dwar in-negozju. Charles Scerri xehed illi wara xi zmien, skopra illi xi drabi Dougall kien qieghed jaghmel ordinijiet ta' prodotti b'isem Giorgiani's Cafe, u jhallas mill-fondi ta' l-istess negozju, izda jaghti ordinijiet lil min iwassal dawn il-konsenji sabiex jitwasslu fi hwienet ohra tieghu fosthom lejn pastizzeria li tmiss jew tifforma parti mir-ristorant Nero. Charles Scerri xehed illi dan kollu sar jafu lejn l-ahhar, u kif ukoll wara li ntemm in-negozju ta' bejniethom.

Charles Scerri pprezenta Dok. CS9 anness ma' dan l-affidavit, li jaghti ezempju car ta' dan li ghadu kif spjega u fejn l-*invoice* hija ta' Maxims Ltd u fil-fatt turi konsenji partikolari li saret fir-ristorant Nero u/jew fil-pastizzerija biswit tieghu it-tnejn propjeta ta' Dougall u kienu jinsabu faccata ta' Giorgiani's Cafe. Charles Scerri jikkalkula li

matul z-zmien ta' l-operat ta' Giorgiani's Cafe, madwar disghin fil-mija (90%) ta' dak li hallas ghalih in-negozju ta' Giorgiani's Cafe lil Maxims Ltd kien fil-fatt mibjugh mill-pastizzeria ta' Dougall u/jew socjetajiet l-ohra tieghu, b'dannu konsiderevoli ghan-negozju ta' Giorgiani's Cafe. Scerri qal illi m'ghandux rendikont ta' kemm-il darba din il-bicca xoghol sehhet peress illi kif qal qabel, Dougall waqaf ifornih b'informazzjoni meta hu beda jiddomanda l-andament tan-negozju kif kien qieghed jigi gestit minnu**, pero ic-cifri u figuri li kkonstata fl-ewwel xhur tan-negozju jindikaw li possibilment din il-manuvra kienet qed issir spiss minn Dougall fil-kaz ta' diversi *suppliers*.**

Charles Scerri xehed illi Dougall kien ukoll qed iforni lin-negozju taghhom b'kejkijijet u prodotti ohra simili li kien jipprodoci huwa tramite s-socjeta tieghu Astoria Services Limited li kienet qeghda tircieivi hlasijiet ghal tali prodotti mill-kont taghhom. Charles Scerri qal illi f'dan il-kaz, aktar minn provvisti li saru minn terzi, Dougall kellu litteralment *carte blanche* x'jiddikjara li forna lil Giorgiani's Cafe' u li fil-fatt thallas ghalihom mill-*joint account* taghhom. Charles Scerri ddikjara illi dwar dan qatt ma rcieva ebda rendikont u/ jew sodisfazjon ghajr id-dokumenti li inghatawlu fil-bidu tal-gestjoni tan-negozju u li diga' kienu qeghdin juru stampa negattiva.

Dougall kien infurmah illi x-xogholijiet t'arredamenti li ha hsieb li jsiru fil-kafetterija, ammontaw ghal aktar minn sebat elef u mitt lira Maltin (Lm7,100) izda ghal dan lanqas qatt ma rcieva rendikont kif ghandu jkun u ezattament tali hlasijiet x'kienu jirraprezentaw. Charles Scerri xehed illi fost l-ohrajn Dougall ottjena s-servizzi ta' interior designer ghall-kafetterija, u wara sar jaf li dan l-istess wiehed li kien qed juza meta kien jipprepara r-ristorant tieghu f'Paceville bl-isem ta' Nero li kien jinsab faccata tal-Giorgiani's Cafe. Fil-fatt kien qieghed isir *refurbishing* ta' dan ir-ristorant u tal-kafetterija taghhom, kontemporanjament. Charles Scerri qal illi minkejja li talbu ripetutament, Dougall qatt ma tah rendikont u / jew gustifikazzjoni kif saru dawn in-nefqiet, u ghal liema xogholijiet specifici saru. Apparti minn hekk, Charles Scerri xehed illi skond l-ftehim originali taghhom, kellu jkun Dougall li suppost iffinanzja dawn ix-xogholijiet t'arredament surreferuti mentri huwa gieghlu jiffirma cekkijiet bankarji vojta li wara sar jaf li kien ihallas bihom dawn ix-xogholijiet mill-flus tan-negozju (f'dan ir-rigward ara figuri mmarkat bl-orango fuq Dok. CS10(i) sa (ix) hawn anness).

Charles Scerri xehed illi f'dawn ic-cirkostanzi, u aktar ma beda jiskopri kif kien qieghed jigi operat in-negozju, beda jifhem aktar l-uniku rendikont (*management accounts*) li kien irnexxielu jaghmel fil-bidu ta' l-operat tan-negozju u minn dan hareg bic-car illi kien hemm, dak li fix-xoghol taghhom isejhulu jew *understatement* ta' *sales*, jew *overstatement* ta' spejjez, jew il-wahda ma' l-ohra. Dan ifisser illi jew dan in-negozju kien sejjer hazin hafna fil-bejgh, jew li l-ispejjez li kienu qeghdin jithallsu ghas-*supplies* u ghall-haddiema kienu gholja ferm u sproporzjonati anke' meta mqabbla mal-qliegh tan-negozju, jew nkella z-zewg fatturi flimkien.

Charles Scerri xehed illi mill-esperjenza tieghu ta' awditur, aktar ma beda jiskopri affarijiet lejn l-ahhar u wara li kien spicca n-negozju, aktar beda jara li dawn l-ammonti forniti lilu minn Dougall ma kienux reali jew gustifikabbli. Scerri iddikjara illi diversi drabi huwa nnifsu personalment ivverifika illi l-kafetterija kienet dejjem tkun mimlija bin-nies u n-negozju kien jidher sejjer tajjeb ferm ghaliex kellu klijentela tajba u kostanti izda d-dokumentazzjoni li kien ghaddielu fl-ewwel xhur Dougall u dak li baqa wara meta ntemm in-negozju, kienu qed juru mod iehor. Scerri qal illi **beda jidher bic-car li ma setghux jahdmu flimkien u ghalhekk f'nofs is-sena elfejn u hamsa (2005)**. Scerri xehed illi ad insaputa tieghu, Dougall alliena l-avvjament ta' Giorgiani's cafe flimkien mal-makkinarju u mobbli l-ohra tan-negozju, u l-fond min fejn kien jitmexxa l-imsemmi negozju (hamsin fil mija propjeta ta' Scerri) lil terzi, u sar jaf dan min ghand in-nies. Charles Scerri xehed illi minn dina it-twellija huwa ma rcieva xejn u fil-fatt ghadu ma jafx min ha n-negozju u taht liema titolu hadu, x'kien il-prezz li thallas (li nofsu jispettu lilu), u lanqas x'gara ezatt mill-affarijiet kollha li kien hemm fil-kafetterija li nofshom huma tieghu ukoll. Charles Scerri xehed illi Dougall kien ghadu ma fornielu ebda rendikont ta' l-amministrazzjoni tieghu ta' Giorgiani's Cafe' (ghajr ta'l-ewwel tlett xhur), jew rendikont ta' l-alienazzjoni li saret lil terzi.

Scerri qal illi minn dan in-negozju huwa kien rcieva biss zewg *cheques* ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) 'il wiehed bhala dividend, u ghalhekk ircieva b'kollox elf lira Maltin (Lm1,000). Mill-kont tal-bank kongunt li kellom flimkien kien baqa' biss xi tlett mitt lira Maltin (Lm300), u ghalhekk ircieva mal-mija u hamsin lira Maltin (Lm150) bhala s-sehem tieghu. Scerri xehed illi hu hallas is-somma ta' circa hames mitt lira Maltin (Lm500) lil Maxims Ltd rapprezentanti hamsin fil-mijja ta kont li kien

baqa ma thallasx minn Dougall lil Maxims Ltd ta' xoghol ordnat minn Dougall suppost ghall-bejgh minn Giorgiani's Cafe, u li hu iddecieda jaqbad u jhallas sehemu minnhu. Charles Scerri xehed illi ghalhekk meta wiehed jara x'hareg u x'dahhal minn dan in-negozju, bejn wiehed u iehor huwa jinsab madwar hdax-il elf lira Maltin (Lm11,000) minn taht. Charles Scerri qal illi jidher bic-car illi Dougall kien qieghed jamminstra n-negozju taghom bi traskuragni u/jew in malafede fl-interess tieghu u/jew tas-socjetajiet tieghu, u dan anke' billi xi akkwisti ghan-negozju ta' Giorgiani's Cafe kienu qeghdin isiru tramite Busuttil Dougall innifsu u/jew socjetajiet tieghu, minflok direttament mis-*suppliers*, b'tali mod li jhallu qligh ingust ghal dawn il-kumpaniji, b'dannu ghal 'Giorgiani's Cafe'. Charles Scerri qal illi jidher ukoll illi Dougall kien qieghed jittrasferixxi spejjez min-negozji tieghu ghal fuq in-negozju kongunt taghhom, u jhallas spejjez tan-negozi u/jew socjetajiet tieghu mill-kont ta' Giorgiani's Cafe u li dan seta' jaghmlu facilment minhabba li kellu t-tmexxija shiha f'idejh, kien iforni l-kafetterija bi prodotti min-negozju tieghu, kien imexxi l-kafetterija b'impjegati tieghu u/jew tas-socjetajiet tieghu stess. Dan il-ftehim li jkollu kollox f'idejh kien naturalment, salv li hu jinghata rendikont car u regolari tan-negozju taghhom halli jkun jista jivverifika personalment u jzomm l-*accounts* ta' l-istess negozju. Charles Scerri qal li jekk mhux hekk, ma jistax ikun hemm raguni ohra plawsibbli ghalfejn mar hazin in-negozju jekk mhux minhabba l-fatt illi nonostante li suppost Dougall kien esperjenzat f'dan ix-xoghol, it-tmexxija tan-negozju wettqu b'mod hazin, b'*mismanagement*, jew b'malafede li sarrfet b'dannu kbir ghal Scerri.

Charles Scerri xehed illi sar jaf bl-allegazzjoni illi l-arrangament kien mal-Kumpanija Astoria Ltd biss permezz tal-kawza. Scerri xehed illi s-socjeta Astoria Ltd ma kellha x'taqsam xejn ma l-arrangment illi huwa kellu mal-konvenut. Scerri xehed illi Giorgiani's Cafe u l-kumpanija Astoria Limited kienu jaghmlu xi transazzjonijiet in kwantu s-socjeta Astoria Ltd kienet tforni fl-ambitu tal-*catering*. Hu qal ukoll illi l-konvenut kellu l-Astoria Limited u din kienet issub-appaltat xi impjegati minn taghha lil Giorgiani's Cafe u ghalhekk Giorgiani's kien ihallas lil Astoria Ltd.

Scerri xehed illi Giorgiani's Cafe kellu VAT *number* separat minn dak ta' Astoria Ltd ghax Giorgian's Cafe kienet entita' differenti minn Astoria Ltd ghaliex hu u l-konvenut kellom *partnership de facto* sabiex joperaw din il-*cafeteria*. Il-VAT *number* hawn imsemmi kien irregistrat fuq il-konvenut biss. Scerri spjega illi Astoria Ltd kienet qed

tikri minghand socjeta ohra din il-*cafeteria* kif ukoll postijiet ohra. Hu spjega illi l-*cafeteria* in kwistjoni inholqot billi spazju f'wiehed minn dawn il-postijiet ittiehed sabiex issir din il-*cafeteria*. Scerri qal illi l-VAT *number* sar kif sar ghax il Giorgiani's Cafe ma kellu x'jaqsam xejn mas-socjeta' u sabiex il-kera originali ma tgholiex.

Charles Scerri xhed li l-unika negozju li kellu, kien fil-hanut "Giorgianis Cafe'" u li dan in-negozju kien ma Anton Busuttil Dougall personalment. Charles Scerri xehed illi huma kienu jhallsu kera lil Astoria Limited ta' madwar elfejn lira Maltin fis-sena. Scerri qal illi dan il-kuntratt gie fis-sehh peress li Astoria kellha kuntratt ta' kera moghti mis-sidien ta' St George's Hotel. Charles Scerri xehed li Astoria issullokat dan il-Cafe' lilhom u li il-kera kienet tithallas minn kont tal-*partnership* fil-forma ta' *cheque*. Charles Scerri kkonferma illi meta il-konvenut saqsih ghalfejn infetah il-kont bankarju mal- Mid Med Bank f' San Gwann fl-ismijiet personali tieghu u tal-konvenut, huwa kien qallu li dan sar hekk peress li ma setghax jinfetah kont nofsu fuq socjeta' u nofsu fuq individwu u kompla jghid illi kienet f'isimhom personali ghaliex kellom *partnership de facto* u mhux *partnership* civili registrata.

B'referenza ghal paragrafu (7) Charles Scerri kkumenta li r-raguni li l-involviment tal-konvenut ma deherx fl- income tax return tal-konvenut, u del resto lanqas tieghu, kien minhabba **l-fatt li l-*accounts* relatati mal-gestjoni tal-Cafe' qatt ma saru**, ghaliex kien ghadu qed jistenna xi dokumenti mill-konvenut biex jkun jista jhejji dawn l-*accounts*.

Charles Scerri xehed illi peress Astoria Limited kellha l-impjegati taghha li kienu jaghmlulha d-*day to day work*, id-dokumenti kollha ta' Astoria Limited li ghandhom x'jaqsmu ghal fini ta kumpilazzjoni ta' *accounts* mhux bilfors kienu f'idejn u ghad-disposizzjoni ta' Anton B. Dougall. Charles Scerri xehed illi ghalhekk dokumenti bhal fatturi kienu johorguhom huma u jghid ukoll illi ezempju ta' *cheque book* huwa kellu access ghalih izda ma kienitx l-ewwel darba li l-mamma tithalla vojta. L-*accounts* kienu bbazati fuq dokumenti moghtija u murija lil Charles Scerri mill-klijent. Charles Scerri ikkonferma illi gieli bghat lil impjegati tieghu biex jipprocessaw u jelevaw id-*data* moghtija mill-klijent. Charles Scerri xehed illi d-*data* fuq il-*computer* tal-klijent kienet *inputted* mill-impjegati fuq dokumenti moghtija lilu mill-klijent u kien hemm zmien ukoll fejn it-tifel tal-intimat u certu Josette u mpjegati ma' Astoria Limited,

bdew idahhlu certu informazzjoni huma fil-kompjuter taghha biex jiffrankaw certu spejjez. Charles Scerri gharaf il-ftehim ta impjieg jew appalt bejnu u bejn is-socjetajiet konvenuti fosthom Astoria Limited. Charles Scerri jixhed illi s-socjeta Astoria Ltd, ma kellha ebda interess jew involviment u li il-fond li kien operat bhala Giorgianis Cafe kien mikri lil Astoria Ltd. L-impjegati ta' Giorgianis Cafe kienu wkoll impjegati ta Astoria Ltd pero l-operazzjoni u l-gestjoni tal- Cafe kienet issir minn Anton B. Dougall personalment. Charles Scerri qal ukoll illi kien hemm zewg tipi ta' impjegati (1) dawk impjegati ma' Astoria Ltd li taghhom il-*partnership* kienet tircievi fatturi ghal *subcontracting* u (2) dawk li ma kienu irregistrati ma hadd. Charles Scerri qal illi hu qatt ma kkomputa l-payroll u dwar l- FS7 qal li dawn huwa kien jarahom peress li kien juza d-data minn fuqha ghall-*accounts*, pero qatt ma vverifika li n-nies li kriet Astoria Ltd lill-*partnership* kienu mnizzlin fuq l-FS7. Mistoqsi dwar min kien johrog l-FS7, Charles Scerri qal illi dawn kienu jsiru mill-payroll clerk li l-ewwel kienet certu Tanya, wara certu Josette u Rudy. Charles Scerri kien jassisti fil-mili tal-*income tax returns* personali tal-konvenut u kien jaf bil-kontenut tar-returns li ntlew.

Charles Scerri jixhed illi dawk ir-returns tal-konvenut li ntlew u li hu assistieh fihom **ma kienux jinkludu l-operat tal-Giorgianis Cafe**. Charles Scerri kompla jghid illi ghaz-zmien li fih kien qed jigi operat il-Giorgianis Cafe kien ghad irid jivverifika, jew ahjar, il-konvenut kien ghad irid jikkonferma jekk huwa assistix fil-mili ta' dawk il-formoli. Qal ukoll li l-operat tal-Giorgianis Cafe lanqas ma rrizulta fuq ir-returns tieghu ghaliex l-istess kif irid jiddikjara hu irid jiddikjara l-konvenut izda jkompli jghid illi dokumenti m'ghandux biex jikkomputa l-operat u jirriflettihom fir-returns. Charles Scerri qal illi d-dokumenti kienu mizmuma mill-konvenut u li ma jafx ghal liema snin assista lill-konvenut fit-*tax returns*. Scerri qal ukoll illi il-VAT *returns* ukoll kellhom jitwaqqfu ghaliex il-konvenut zamm xi dokumenti.

Charles Scerri xehed illi l-i*stocks* u l-*equipment* u *refurbishment* ta' Giorgianis Cafe ma thallasx minn Astoria Limited - il-*partnership* xtara parti mill-i*stock* u *equipment* u kien hemm oggetti ohra li s-Sur Dougall dahhal direttament hu personalment izda Charles Scerri ma jafx kif Dougall kien akkwistahom. Charles Scerri xehed illi il-parti l-ohra tal-*equipment* inxtara kif kienu jiggestixxu l-hanut u l-flus ma nhargux minn Astoria u li hafna mill-oggetti kienu 'on credit' u thallsu mill-*partnership* bin-nifs.

Charles Scerri xehed illi is-sidien tal-Giorgianis Cafe kienet il-*partnership* u l-partijiet personalment ma kellom xejn. Qal pero' li l-VAT *return* kienet tohrog f'isem Anton B.Dougall ghar-ragunijiet li diga ta u li l-VAT *returns* kellom il-gestjoni ta' Giorgianis Cafe biss. Dwar it- Tax Returns Charles Scerri qal li qatt ma kellu *accounts* biex abbazi taghhom ihejji l-*profit and loss accounts* u ghalhekk il-formoli relattivi. Dawn id-dikjarazzjonijiet Charles Scerri m'ghamilhomx anqas fit-*tax returns* tieghu u sakemm kien responsabbli hu mill- Astoria, lanqas l-Astoria ma rrapurtat dan in-negozju fir-return ghalix din ma kellhiex x'taqsam. It-*tax returns* setghu isiru ghax dawn kienu bbazati fuq *sales*. Charles Scerri xehed li kellu informazzjoni dwar is-*sales* izda mhux biex jaghmel *profit and loss accounts* u l-formuli tat- Taxxi Interni. F'hin minnhom anke access ghas-*sales* waqfulu u lanqas seta jkompli jhejji l-VAT returns. Charles Scerri xehed illi il-*management* ta' Giorgianis Cafe kien isir kif gej. Is-sur Dougall kien mija fil-mija jiggestixxi  l-fond u dan billi huwa kien:

1. Jikri l-istaff minn kumpanniji tieghu u Giorgianis Cafe ihallas ghal dan is-servizzi;
2. Jordna u jircievi prodotti mixtrija minghand terzi;
3. Jordna u jircievi prodotti mill-kumpanija tieghu Astoria Limited.
4. Jircievi l-flus tal-gurnata u jiddeposita l-istess fil-kont tal-bank.
5. Jaffetwa hlasijiet permezz ta' *cheques* mahruga minn Giorgianis Cafe li kienu jirrikjedu zewg firem wahda ta' Anton B.Dougall u ohra ta' Charles Scerri. Ic-*cheque book* kien jinzamm min Dougall u Charles Scerri kien jiffirma cekkijiet in blank ghax dak iz-zmien kien jafdah kompletament kif ukoll sabiex l-operat seta' jahdem komdu.
    a. Id-dokumenti fiskali ta' Giorgianis Cafe kienu jinzammu fl-ufficju ta' l-istess Dougall f' St. George's Complex. L-ewwel ftit xhur dawn id-dokumenti kienu jigu mghoddija fl-ufficju tieghu u kienu jippreparaw l-*accounts* tal-Cafe'. Wara ftit xhur id-dokumenti ma kienux jaslu minkejja li kemm Charles Scerri u membri mill-ufficju tieghu kienu jistaqsu ghalihom ma' l-istess Dougall u t-tifel tieghu Rudy. Charles Scerri xehed illi fil-cafetteria mar darbtejn mieghu jiehu cafe' wara li fethet u hawn kien ikun hemm nies impjegati ta' Astoria Ltd kumpanija ta' Dougall li kien mikrija lil Giorgianis Cafe'. Bhala kredituri, Charles Scerri gie avvicinat minn certu Stephen Caruana tal-Maxims li qallu li

kellu jiehu xi flus minn hemm u li kien ilu jigri wara l-flus. Qallu li kien jiehu xoghol lil Dougall u li kien ghad fadallu kreditu ta' elfejn lira. Scerri xehed illi qallu li l- gestjoni kienet f'idejn Dougall u qallu biex imorru ikellmuh dwar ghalfejn ma thallasx. Charles Scerri xehed illi Dougall ma ried ihallas xejn ghaliex qal li ma kienx hemm flus. Scerri xehed illi ghalih din ma kienitx raguni valida u hareg cekk ta Lm1000 lil Caruana quddiem Dougall u dan kien jirraprezenta n-nofs ta' Charles Scerri u qallu li n-nofs l-iehor kellu jitolbu lil Dougall. Charles Scerri qal li kif baqghu ma jafx.

**Anton Busuttil Dougall** fl-affidavit tieghu xehed illi hu jahdem bhala managing director fi hdan is-socjeta' Astoria Limited u jiddikjara li m'ghandu l-ebda negozju f'ismu personali hlief ma kumpaniji ohra fejn hu ghandu l-ishma maghhom. Huwa xhed li l-attur Charles Scerri beda jahdem mieghu minn meta kienu ghadu student u maz-zmien Scerri kien jagixxi kemm ta *accountant* u kif ukoll bhala l-awditur tal-kumpaniji tieghu. Dougall xhed li l-attur kien jaf il-posizzjoni tal-kumpaniji tieghu ghaliex issa kien ilu zmien twil jahdem fuqhom u kellom *agreement* li kiteb u stampa Scerri stess - pero Scerri qatt ma zamm ma dan il-ftehim (Dok 1). Meta s-socjeta Astoria giet offruta propjeta ghal kiri li kienet taghmel parti mill-lukanda Dragonara, propjeta ta' St. Georges Bay Hotel Limited, l-attur wera l-interess li l- Cafetteria jibdew joperawha flimkien fuq bazi ta profit sharing b'ishma ndaqs. Dan il-ftehim sar bejn is-socjeta tieghu Astoria Limited minn-naha u l-attur f'ismu personali minn-naha l-ohra. Dougall sahaq li l-allegazzjoni ta' Scerri li kull negozju sar mieghu personalment ma hiex korretta u dana ghar-ragunijiet li semma hawn taht:

a) Astoria Limited kienet tixtri l-apparat u thallas hi u wara din kienet tithallas mill-kont li kien hemm ma l-HSBC San Gwann (Dok 2).
b) Il-pagi u l-impjegati kienet thallas ghalihom, inkluz l-NI u l-PAYE u wara tithallas mill-kont ta bejniethom (Dok 3).
c) Fl-affidavit ta' Scerri minghajr data li pprezenta mall-kawza kontra Dougall u l-affidavit ta Ms. Jacqueline Grech impjegata ta Scerri tat-22 ta Jannar 2008, dawn insew isemmu li Scerri u l-Astoria Ltd kellhom in-negozju ghal bejgh biss ta' pastizzi u pizza li kien isir fil-NERO SNACK. Dan l-istabbilment kien differenti minn dak li kienu joperaw bhala Giorgianis Cafe'. Dougal qal illi Scerri nesa li

hawn kellu sehem ukoll tant hu hekk li kien hareg is-somma ta Lm500 biex inxtara hot display unit minghand il-frizoll. Fil-fatt Scerri fl-affidavit tieghu qal li Dougall kien ihallas ghal pastizzi mill-kont tal-Giorgianis Cafe u li dawn kienu ghal uzu tan-Nero Snack. Dawn kienet thallas ghalihom l-Astoria Ltd u Scerri flimkien mieghu kien jiffirma *cheque* biex l-Astoria tithallas.

d) Dougall xehed illi Scerri kien jaf tajjeb li hu ma setax jaghmel negozju mieghu personali, ghaliex il-kera tal-post kienet tal- Astoria Limited. (Vide Dok 5)

e) Dougall xehed illi darba Scerri cempillu biex imur jiffirma l-ftuh ta kont gdid gewwa l-Branch ta Mid-Med Bank ta' San Gwann. Mistoqsi Scerri qallu biex ihalli f'idejh meta jigi ghal *accounts* u l-*audit*.

f) Dougall xehed illi Scerri mela l-applikazzjoni tal-VAT huwa stess u li hu, Dougall, iffirma formola vojta. Mistoqsi ghaliex din mhux fuq kumpanija, Scerri qallu li l-kumpanija Astoria Limited gia kellha VAT *number* li topera bih, li ma tistax tkun fuqu (Scerri) minhabba li hu awditur.

g) Meta l-Astoria kienet tghaddi xi affarijiet lil Cafe Giorgianis dawn kienu jitnizzlu fuq requisition form u din wara li kienet tigi mhallsa mill-kont kongunt.

h) Dougall pproduca lista ta *invoices* bejn l-Astoria u Giorgianis u din giet migbura mid-ditta ta *accounts* ta' Charles Scerri. Dougall qal illi hawn jidher car li n-negozju kien bejn Astoria Limited u Charles Scerri u mhux fuq Anton Busuttil Dougall personali.

Dougall xehed illi dan li qal jista facilment jigi kkonfermat minn Scerri u l-istaff tieghu ghaliex ghal dan kollu kienu huma responabbli li jigu inkluzi fl-*accounts*, u jinizzjalaw l-*invoices* fis-sistema tal-kompjuter. Dan skond Dougall ifisser li l-attur Scerri kien jaf tajjeb li Dougall personali qatt ma kellu negozju mieghu. Il-pretenzjoni ta' l-istess attur huwa ma kienx qed jimla sewwa u kif suppost l-income tax returns. Altrimenti, Dougall rega tenna li n-negozju personali ma Scerri huwa qatt ma kellu u kien ghalhekk li l-istess Scerri ma kienx idahhal dan in-negozju in kwistjoni fl-istess *Income Tax Returns* tieghu.

Charles Scerri kien ifformola dan l-*agreement* bejnu u t-tlett kumpaniji ta' Anton B. Dougall. Fil-qosor l-*agreement*, dwar ix-xoghol li Charles Scerri, fil-kapacita tieghu ta' *accountant*, kellu jaghmel. Dougall cahad illi Charles Scerri qatt dahal bhala partner mieghu fil-business fil- kapacita personali tieghu jew li qatt kellu xi negozju u ma

Charles Scerri. Dougall xhed li kien jiddiskuti *business proposals* u kuntratti inkluz, izda dan ma kien xejn iktar. Anton B. Dougall kien kuntratt ta' kera li kien ser jaghmel minghand St. George's Bay Hotel Ltd (Villa Rosa) u dan ghall-outlet 'Giorgianis Cafe'.

Anton B. Dougall xehed illi Charles Scerri talab biex jidhol partner ma Astoria Ltd fil-*cafeteria* b'isem ta' "Cafeteria Giorgianis". u li Astoria Limited dahlet fi ftehim verbali ma' Charles Scerri u kien shab maghha. Skont il-ftehim, Astoria Limited kella tiehu hsieb l-operazzjoni u Charles Scerri l-*accounts*. Anton B. Dougall xehed illi l-ispejjez biex jinkera l-post kien maqsum bejniethom filwaqt li l-ispejjez ta' l-operat u cjoe pagi, service u *stock*, kienu spejjez tas-socjeta Astoria li pero kella tigi rimborsata mid-dhul u ir-rimanenti bilanc kellu jinqasam bejniethom. Il- flus li jkunu dahhlu kienet tiddepozita s-*sales* f'*joint account* HSBC San Gwann f'isem Charles Scerri u Anton B. Dougall u dan il-kont infetah minn Charles Scerri u l-indirizz tal-kont kien l-indirizz ta' l-ufficju ta' Charles Scerri. Anton B. Dougall pprezenta kopja tad-*deposits* li Giorgianis Cafe kienet taghmel fil-kontijiet tal-bank (Dok ABD1 u ABD2) liema dokumenti kienu fl-ufficju ta' Astoria Limited u l-impjegati ta' Charles Scerri kellhom access assolut. Anton Busuttil Dougall esebixxa VAT return tas-sena 2003 Dok ABD1. Dougall sostna li Scerri kellu accessibilita totali huwa u l-istaff tieghu - kienu jafu fejn kienu il-files u gieli hadmu wahidhom minghajr l-istaff ta' Dougall, u ezebixxa l-ahhar wahda Vat Return Dok ABD1. Anton B. Dougall xehed illi Charles Scerri kellu *shareholding* zghir fil-bejgh ta' pizza u pastizzi biss fil-Cafe Nero. Fil-fatt huwa kien ta cekk lil Anton B. Dougall biex jixtri l-*equipment*. Anton B. Dougall xehed illi kien sar ftehim verbali f'dan is-sens u l-ftehim sar bejn Charles Scerri u Astoria Services Ltd. Dan Nero Cafe kien jifforma parti minn art ta' St. George's Bay Hotel Limited. Dougall jichad l-allegazzjoni ta' Scerri u jsostni li qatt ma nbieghu pizza u pastizzi minn Giorgianis Cafe li kienu jsiru ta' dawn l-oggetti *delivery lin-* Nero Snack. Anton B. Dougall xehed illi talab lil HSBC Bank Malta plc jekk kienx posssibli jinfetah kont nofsu fuq socjeta u nofsu fuq individwu u dawn qalulu li ma hemmx problemi biex dan isir (ara Dok ABD2). Xehed li kontroll fuq il-*Banking Accounts* kienet f'idejn Astoria Limited. Dougall qal illi l-kont kongunt li kien hemm ghal Giorgianis Cafe li kien fuqu u fuq Charles, kienu ko-signatarji u kkonferma li qatt ma kien hemm sullokazjoni ma' Charles Scerri. Dougall xehed illi meta gie biex jaghlaq il-Giorgianis Cafe' Dougal talab lil Scerri biex jigi u jaghzel x'*equipment* irid u Scerri kien qal li huwa ma ried

xejn. Dougall xhed qal ukoll li Scerri kien jaf li l-*agreement* tal- kera kien bejn St George's Bay Hotel u Astoria Services Limited, tant li sahansitra kien talbu parir fuq dan il-kuntratt. Anton B. Dougall xhed li sia l-*income* tax return tieghu u dik tas-socjeta Astoria Services Limited kien u redatt minn Charles Scerri u li kien jidher biss is-salarju tieghu qua direttur tal-kumpanija tieghu fir-*return* personali. In-negozju ghar-rigward Giorgianis Cafe suppost kien nofsu ta' Astoria Limited u nofsu fuq Charles Scerri personali  u, l-*accounts* ta' Giorgianis Cafe qatt ma saru minkejja li nhadmu l-VAT returns. Anton B. Dougall xehed li ma ttiehdet ebda  *board resolution* ghal dan peress illi l-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta' dan ma jitolbux. Meta mistoqsi jekk hemmx dokumenti ohra oltre dawk dwar xi *supplies* minn Astoria lill-*partnership*, Anton B. Dougall iwiegeb li gew pprezentati kull dokument dwar *invoices*, pagi, dawl, ilma, kera li kollha kienu jghajtu lil Astoria u li dawk l-ispejjez dejjem dahhalhom fuq Astoria u mhux fuq Anton B. Dougal personalment.

Anton B. Dougall dwar Giorgianis Cafe jghid li l-ispejjez kollha involuti f'*refurbishment* kienu *invoiced* lill-Astoria izda mhallsa mill-*partnership*. Jghid ukoll li Charles Scerri dahhal Lm5,500 u Astoria thallset billi kien hemm set-off fl-istess ammont wara li din hallset ghax-xogholijiet. **Dawn il-pagamenti u set-off ma jafx jekk jirrizultawx mill-provi li pproduca**. Anton B. Dougall xehed illi Charles Scerri hareg il-flus sabiex issir *joint venture* u li Astoria Limited ma hargitx flus kontanti izda hallset *invoices* jew ahjar ghamlet xi set-offs u hallset spejjez li ghamlet il-*partnership*. Jghid ukoll li Astoria thallset lura ghal xi pagamenti ta' dawn l-*invoices*, pero mhux personalment. Anton B.Dougall accetta li jintuza ismu fuq il Vat number u inkluz il-kumpanija Astoria ghaliex dan kien il-parir ta' Charles Scerri u kien ovvju illi Astoria ma setghatx ikollha aktar minn numru tal-VAT wiehed.  Meta muri DOK5 kopja tal-kuntratt ta' kiri bejn St.Georges Bay u Astoria ghad-diversi fondi li jinkludi dan il-fond ukoll, huwa xehed illi skond dan il-kuntratt Astoria hija rapprezentata minn Anton Dougall u dana kien iffirmat minnu. *Accounts* pendenti ma kienx hemm u li kollha gew depozitati. Anton B. Dougall xhed li jew il-kontribuzzjoni finanzjarja li ghamlet Astoria Ltd bhala s-sehem taghha ta' investiment fil-*joint venture*, ma Scerri tirrizulta fir-*records* tal-kumpanija Astoria Ltd. Anton B.Dougall xehed illi ma jiftakarx kemm kien l-ammont investit. Muri Doks CS1 – CS3 li huma *accounts* mis-sena 2004, 2005 u 2006 ossia s-snin ta' waqt dan in-negozju, kkonferma illi l-firem fuq it-3 sets ta' dokumenti huma tieghu. **Mistoqsi dwar fejn rrizulta dan l-investiment, wiegeb illi**

**hu ma jafx jaqra *accounts***. B'referenza ghal pagna 7 ta' l-*accounts* tas-sena 2003 pprezentati fis-sena 2004 rigward punt numru 3, gie mistoqsi jekk Astoria ghamlitx xi investiment f'xi socjetajiet relatati maghha u Anton B. Dougall **irrisponda illi hu ma jiftkarx**. Meta rega gie muri punt numru 3 b'riferenza ghal Perla Patisserie Ltd u Foodserve Ltd u rrisponda illi Foodserv hija kumpannija zghira li minn 500 share hu kellu 5. Qal illi Perla Patisserie kienet involuta fil-manifattura tal-confectionery u li fiha kellha madwar 48.5% u meta mistoqsi Astoria ghamlitx investimenti f'dawn iz-zewg kumpanniji, irrisponda li f'dak iz-zmien le, u li wahda minnhom lanqas biss hadmet. Gie ssuggeriet lil Anton B. Dougall illi Astoria Ltd kellha 9900 shares f'Perla Patisserie u 1000 shares f'Foodserve Ltd u hu rrisponda illi jista jkun pero ghandu d-dubju u rega' spjega li hu m'huwiex kapaci jaqra l-*accounts* u jrid jiehu parir minghand l-*accountant* tieghu. Meta muri l-*accounts* pprezentati fl-2006 ghas-sena li spiccat fit-30 ta' Settembru 2005, u fl-2005 u muri punt numru 4 f'pagna 7, gie mistoqsi dwar jekk jirrizultalux xi investiment, irrisponda li t-twegiba hija l-istess ghal dik moghtija fir-rigward tal-*accounts* pprezentati fl-2004. Meta mistoqsi jekk huwa iffirmax dawn it-3 sets ta' *accounts* ta liema Charles Scerri kien l-awditur, Anton B. Dougall rrisponda li hu kien joqghod fuq li jghidlu hu, tant hu hekk li darba minnhom kellu meeting mieghu fl-ufficju San Gwann u qallom li ghamlu telf mod u meta gew pprezentati l-*accounts*, it- telf kien hafna iktar milli qallilom. Dawn l-*accounts* gew diskreditati mit-*Tax Compliance Unit* u ta' dawn inghataw multa. Anton B. Dougall esebixxa kopja tar-return tat-taxxa, sena bazi 2005 Dok ABDX1. Qal li l-persuni li kienu jahdmu gewwa Giorgianis Cafe, kienu registrati ma' Astoria Ltd u meta muri tlett FS3 mmarkati Dok ABDX2-ABDX4, rrisponda li l-persuni msemmija kienu mpjegati ta' Astoria. Anton B. Dougall xehed illi Nero Cafe huwa propjeta ta' Astoria imma n-Nero Snacks, bejgh tal-pizza u pastizzi kien parti mill- *Joint Venture* tal-Giorgianis Cafe u qal illi Giorgianis dejjem tmexxa minn Astoria Ltd. Kompla xehed illi fil-kuntratt kien hemm klawsola ghal *sub letting*. Anton B. Dougall xehed ukoll illi l-attur kien a konoxxenza tal-klawsola ghal *subletting* ghax kien talbu parir fuq il-kuntratt u uriehulu qabel ma ffirmawh u qal ukoll illi l-attur ghamel uzu mill-klawzola ta' sub letting ghall-beneficcju tieghu. **Astoria Ltd kriet parti mill-propjeta' ta' l-Astoria lill-kumpannija ohra li l-attur hu *share holder* fiha.** Qal illi l-apparat tal-Giorgianis Cafe dejjem thallas mill-Astoria, anki dak li kien misluf. Dak kollu li jirrigwarda hlasijiet u purchasing ta' l-*invoices* dejjem gew indirizzati lil Astoria u mhallsha minnha wkoll. Meta muri t-tax return tal-2005, Dok ABDX1 Anton B.

Dougall rrisponda li Scerri kien ghadu l-*acountant* tieghu iva jidhirlu li kien ghadu. Meta mistoqsi fuq il-klawzola tas-sullokazzjoni, gie ssuggerriet lilu li Astoria ma ssullokatx il-Giorgianis Cafe lil *partnership*. Hu qal li le ghax kien baqa' ta' l-Astoria u ma tistax kumpannija taghmel sullokazzjoni lilha nnifisha.

Fl- 1 ta' Lulju 1994, Charles Scerri pprezanta ftehim dwar dak illi kellu jaghmel u kif kien ser jithallas u Anton B. Dougall iffirma dan il-ftehim u baqa in vigour sakemm waqaf jahdem maghhom. Anton B. Dougall jghid li qatt ma waqqaf jew issospenda jew immodifika l-ftehim originali. L-attur qal li kien hemm xi bilanc favur tieghu ta Lm 8871.64 il-konvenut wiegeb **li ma jafx** jekk dawn l-ispejjez humiex riflessi korrettament fl-istess *accounts*. Jghid ukoll li x-xoghol mill-attur ma kienx isir tajjeb kien li gie nvestigat mit-*Tax Compliance Unit*, Anton B. Dougall qal precedentement l-*audit* kien jsir minn Grant Thornton izda fit-12 ta' Frar 1997 komplew Edgar F. Associates li kien *partner* ma Charles Scerri u b'hekk id-ditta ta' Charles Scerri saru *accountants* u awdituri. Anton B. Dougall xehed illi m'hu veru xejn li huwa talab lil Scerri jidhol *partner* fil-kumpanija. Dougall u semma Bar Native u Egg Chef (ex Godiva pub Paceville) bhala ezempju ta' li Scerri jidhol partner mal-klijenti tieghu dan. Egg Chef falla izda Bar Native ghadu bi shab. Anton B. Dougall xhed li Scerri kien sab inkwilin ghal Native Bar u wara li nghatat il-kirja Dougall sar jaf li Scerri kien shab ma Chetcuti u dan b'ksur t'etika.

Anton B. Dougall qal li hu u Scerri kienu jiltaqghu kwazi kuljum izda meta Scerri mar fl-ufficini l-godda gewwa San Gwann, il-kuntatt kull ma jmur beda jonqos. Victor Vella li kien responsabbli wkoll tad-depoziti fil-bank. Anton B. Dougall xehed illi meta beda jikber ix-xoghol, is-servizz ta' Scerri beda jbatti u jmur lura bil-kbir. *Accounts* lill-bank bdew jinghataw xhur wara li jkun jmisshom u kienu jehlu diversi multi mal-awtoritajiet finanzjarji. Fl-1 ta' Lulju 1994 Scerri kien abozza ftehim miktub u ttajpjat minnu stess, dwar hlasijiet u xoghol iehor li kellu jaghmel. Dougall qal li dak iz-zmien hu kien accettah izda waqqaf dan il-ftehim wara parir legali fl-2006. Ir-raguni li ta lil Scerri kienet *Gross Negligence*. Anton B. Dougall jelenka f'aktar dettal ir-ragunijiet li wasslu biex hu jitlef il-fiducja f'Scerri dwar l-imgieba tieghu professjojnali fl-ahjar interess tieghu bhala klijent u li din l-istess imgieba negattiva swietlu danni kbar finanzjarji.

**Anton B. Dougall xehed illi hu qatt ma offra lil Scerri biex jidhol fi shab mieghu imma kien hu li stieden lilu nnifsu.**

Anton B. Dougall xehed illi l-Astoria Ltd. qatt ma weghdet li Giorgianis Cafe ikun sullokat lil xi hadd, ghal elfejn liri Maltin (Lm2,000) ghaliex il-kuntratt tal-kera mas-sidien originali ma kienitx tippermetti dan. Kompla jghid illi mhix prattika fin-negozju li l-ewwel tohrog il-flus u wara tiddiskuti sullokazzjoni.

Anton B. Dougall xehed illi Scerri kien l- *accountant* u l-awditur tal-Kumpanija Astoria, kellu access ghall-*accounts* kollha tal-kumpanija. Dougall kellu ammont ta' dokumenti bl-inizzjali ta' l-impjegati ta' Scerri wara li dawn ikunu dahlu fil-kompjuter. Jekk Giorgianis Cafe gie inkluz mal- *accounts* tal-kumpanija huwa car li Scerri kellu access ghall-informazzjoni u jekk le kien nuqqas kbir u telf ta' flus kbar ghall-kumpanija.

Anton B. Dougall xehed illi Scerri kellu access ghall-kont bankarju mill-internet banking. Xhed li c-*cheques* kienu jiffirmawhom kemm Dougall u Scerri. F'okkazzjoni minnhom Scerri kiteb tnejn ta' Lm500-il wiehed, wiehed ghalih u iehor ghal Dougall. Dan gara fuq zewg okkazjonijet. Biex dan sar bilfors li d-depozitu kien isir, kieku *cheques* ma kienux jissarfu. Anton B. Dougall xehed illi sakemm ghalqu il-kont bankarju kien hemm flus.

Anton B. Dougall xehed illi Scerri deher li nesa li wara ftit xhur kienu estendew in-negozju ta' bejniethom biss ghall-bejgh ta' pastizzi u pizza go Nero Snack Bar, u li jista jissuplixxi *deposit slips* ta' dan il-bejgh. Lanqas ma semma li Scerri kien hareg sehmu ghax-xiri ta' hot counter. Anton B. Dougall spjega li qatt ma ghamlu konteggi tal-kera u utility ghal dan il-post. Anton B. Dougall xehed illi kemm damu bin-negozju, Scerri ma kienx gie iktar minn darbtejn fil-Giorgianis Cafe u qatt fin-Nero Snack.

Anton Dougall jghid li ghalkemm hu minnu li hu kellu jiehu hsieb it-tmexxija u li hemm impjegata li tithallas filghodu, hu qatt ma thallas ghal sieghat twal li kien jaghmel u li qatt ma thallas ta' l-impjegati li kien ikun hemm filghaxija jew fil-week-end. Anton B. Dougall qal illi Scerri jaf tajjeb b'dawn ghax kienu hargu kont.

Anton B. Dougall xehed illi kienu jixtru pastizzi minghand Maxims, klijent professjonali ta' Scerri. Wara xi zmien lil Maximx biddlu ghax skont Anton B. Dougall kellu xoghol hazin u Scerri deher li ma hax pjacir. Dougall semma incident fejn kien gie Nero Café, l-proprjetarju tal-Maxims sabiex jithallas u ghamel hafna storbju.Anton B. Dougall xehed li l-kont kien xi elf Liri Maltin (Lm1,000) izda illi wara diversi xhur meta kienu fl-ufficju ta' Dr Alex Perici Calascione, Scerri qal lil Dougal li lil Maxims kellom jaghtuh Lm1000 u mhux Lm2000 u b'hekk (huwa) Dougal hallas Lm500 zejda meta Scerri bhala *accountant* u awditur taz-zewg kumpaniji kien ikun xieraq u facli ghalih li jara u jqabbel l-*accounts*.

Anton B. Dougall xehed illi huwa veru li id-*designer* li qabbdu huma kien l-istess wiehed pero' pero thallas separatament taz-zewg xogholijiet.

Anton B. Dougall qal li Scerri ma kellux x'jaqsam ma ebda twellija ghaliex qatt ma kellu titolu. Anton B. Dougall ghal diversi drabi talab lil Scerri biex johrog l-*accounts* tal-Giorgianis Café.

Anton B. Dougall xehed illi meta Scerri kien jiddeciedi li jaghlaq l-*accounts* ta' l-Astoria u l-kumpaniji l-ohra kien ikun xhur wara l-ahhar tal-*financial year*, u jsostni li kien hemm telf ta' sittin elf liri Maltin (Lm60,000) meta fil-fatt it-telf kien ferm akbar.

Dan kellu konsegwenza li hu ma setghax jkun jaf kif kien miexi l-*business*.

Anton B. Dougall xehed illi l-kumpanija ddecidiet li timpjega lit-tifel tieghu Rudi u li dan beda bhala *book-keeper*, izda Scerri nsista li l-*accounts* jibdew isiru mill-i*staff* tieghu. Scerri ma kienx ghallem lil Rudy is-sistema u li ma kellux pjacir bih.

Dougall xehed fit-tul dwar l-appell li gie ntavolat mad-Dipartiment tal-VAT li Scerri ma kienx kapaci jirrisolvi l-kwistjoni.

Xehed ukoll illi fid-9 ta' Awissu 2006 ipprezentaw 9 kazi ta' dokumentazzjoni (Doc 7). L-Astoria giet immultata Lm 6140 minbarra multi u interessi fuq il-VAT u dan l-

ammont ta' VAT suppost li thallas meta giet suppost mimlija l-formola. Anton B. Dougall xehed illi f'kelma wahda Scerri nizzel ammont u meta gew biex ihallsu nizzel Lm6140 – anqas milli suppost hallsu.

Anton B. Dougall xehed illi jhoss li minhabba l-attegjament xejn professjonali jew etiku ta' Scerri, Dougall personalment, il-familja u l-kumpaniji tieghu sofrew danni kbar, danni li hafna minnhom kienu jkunu negligibbli kieku gew indirizzati fil-hin u b'aktar professjonalita.

**Rudolph Busuttil Dougall**, (Rudy) t-tifel tal-konvenut u li jahdem fl-Administration ta' Astoria Limited, kien jiehu hsieb l-accounting *giornalier* u book keeping tal-kumpanija. Rudy xehed illi kien ilu jaghmel dan ix-xoghol 12-il sena u ma kellux kwalifiki partikolari. Huwa jiftakar li ghal xi zmien Charles Scerri kien jaghmel l-*accounts* u li dak iz-zmien Rudy, kien jaghmel xoghol baziku cjoe' posting ta' cekkijiet u *invoices*. Huwa xehed illi Charles Scerri kellu wkoll l-impjegati tieghu u li dan ix-xoghol kien isir fil-konfront ta' Astoria Ltd. Charles Scerri jew l-impjegati kienu jtuh struzzjonijiet dwar kif kellom jahdmu u meta kien ikollu xi problema kien icempel fuq it-telefon u gieli damu jiddiskutu. F'okkazjonijiet ohra kienu jigu l-ufficju u kienu jiccekjaw ix-xoghol tieghu u jaghmlu x-xoghol li ma kienx jaghmel hu fosthom *sales* u pagi. Rudy xehed illi il- VAT *return* kien jiehu hsiebha Charles Scerri jew certu Jackie, impjegata tieghu u li d-dokumenti kienu jippreparawhom huma. Meta riedu informazzjoni, jew kienu jitolbu lilu jew kienu jihduhom huma. Rudy xehed ukoll illi kellom access indipendenti ghad-dokumenti u kompjuters u li missieru qatt ma qallu biex ma jikkowoperawx. Kemm Charles Scerri, kif ukoll l-impjegati kienu midhla ta' l-ufficju u jafu fejn kienu l-affarijiet u f'kaz ta' diffikulta kienu jghidulu. Gieli hadmu fl-ufficju ghal rashom meta hu ma kienx prezenti. *Meetings* mieghu fuq *accounts* qatt ma saru u izda dawn il-*meetings* kienu jsiru ma' missieru pero mhux spiss. Rudolph Busuttil Dougall xehed illi l-opening balances li huma rikjesti fil-bidu ta' kull sena gdida kellhom jithejjew minn Charles Scerri jew l-impjegati tieghu dawn gielu damu ma jkellmuhom xhur shah. Dan ifisser li ma kienux f'posizzjoni li jaghmel l-*postings* fl-*accounts*. Minghajr l-opening balances huma ma setghux ikunu jafu ezatt l-posizzjoni finanzjarja tal-kumpanija u lanqas ma setghu jikkalkulaw kif kienu fil-pagamenti mal-kredituri jew ahjar is-*suppliers* taghhom. Kienu jcemplu regolarment

izda kienu jdumu biex ituhom dawn il-figuri. Rudy qal illi ghadu fl-istess generu ta' xoghol u li llum qed jahdmu hafna ahjar minghajr Charles Scerri.

Rudy xehed illi jiftakar li fi zmien Charles Scerri kienet saret investigazzjoni mit-Taxxi Interni. Il-problema qamet peress illi l-audited *accounts* li gew ppreparati minn Scerri mas-CIR u MSA ma bdewx jaqblu mad-data fuq il-kompjuter taghhom. ICU hadet azzjoni formali kontrihom u ttiehdiet decizjoni kontra taghhom u wehlu multa ta' eluf kbar ta' Liri Maltin. Astoria Ltd kienet topera il-Gorgiani's Cafe u kienet tiehu hsieb l-aspetti kollha ta' dan in-negozju inkluz l-impjiegi, *catering, furnishings,* u servizzi. Qal li Astoria Ltd internament kellha amministrazzjoni segregata fis-sens illi l-bejgh mill-Cafe kien imur lura biex ihallas il-kont intern ma' Astoria u kienu jahdmu hekk biex ikunu jafu kif kien sejjer l-operat tal-Cafe. Astoria apparti l-Gorgiani's kellha interessi ohra fosthom Nero Bistro u *outside catering* Rudy sostna illi Anton Busuttil Dougall personalment imkien ma kien involut f'dan in-negozju. Il-*postings* li ra hu ghaddew dejjem tramite l-kumpanija Astoria Ltd.

**Mario Galea**, rapprezentant tal-'Malta Institute of *Accountant*s' u Chairman ta l-ethics Committee ta' l-Institute u fil-passat, il-President ta' l-Istitut, kkonferma illi jezisti Kodici ta' etika miktub ghall-komputisti u awdituri u li dan jirregola kull professjonist li ghandu l-*warrant* indipendentament minn jekk hux membru jew le ta' l-istitut. Ikkonferma li taht ebda cirkostanza ma ghandu awditur jidhol shab fil-*business* ma' klijent. Meta mistoqsi jekk komputista jistax jagixxi bhala awditur ta' l-istess klijent, Mario Galea xehed illi din il-materja m'hiex espressament regolata fil-kodici pero din il- kwistjoni taqa' taht il-kappa ta' Self- Review Threat u cjoe' li l-awditur ma jistax jaghmel audit tal-*financial statements* li jkun ghamel huwa stess. Huwa pprometta li jghaddi kopja ufficjali ta' dan il-Kodici. Mario Galea xehed illi meta jsir rapport lill-*Accountant*cy Board dwar ksur ta' kodici, u f'kaz ta' konferma ta' dan il-ksur, jittiehdu l-azzjonijiet dixxiplinari relattivi, u dawn fl-estrem taghhom jinkludu sospenzjoni u anke telf tal-*warrant*.

Mario Galea xehed illi huwa hazin li audited *accounts* ma jaqblux mal-kotba jew data fuq il-kompjuter tal-klijent u dan jassumi importanza akbar kemm-il darba l-komputista huwa dak li jhejji l-kotba jew id-data fuq il-kompjuter u aktar serju meta komputista huwa wkoll l-awditur. Dan hu hazin indipendentament mis-*Self Review*

*Threat*. Mario Galea kkonferma illi l-mili ta' VAT returns huwa d-dmir tal-komputista li jara li dawn jimtlew u li jigu sottomessi entru t-termini stabbiliti fid-Dipartiment u dan huwa pero soggett ghall-fatt li l-komputista ghandu jkollu a disposizzjonijiet tieghu l-informazzjoni mehtiega. Il-konfidenzjalita' ta' l-informazzjoni dwar il-klijent hija assoluta u kwistjoni centrali fil-Kodici ta' l-Etika. Mario Galea xehed illi il-komputista huwa projbit milli juza informazzjoni dwar klijent ghal vantagg tieghu jew ta' klijenti ohrajn.

**Jacqueline Grech** fl-affidavit tat-28 ta' Frar 2008 xehedet illi ix-xoghol taghha huwa ta' *Accountant* u tahdem mal-'firm' tar-rikorrenti Charles Scerri, fejn tassistieh f'dak kollu li huwa jaghmel fix-xoghol tieghu mill- 1 ta' Marzu 1997. Lill-intimat Anton Busuttil Dougall, tafu tramite x-xoghol tieghu ma' Charles Scerri minhabba li kienet taghmillu xi xoghol ta' *accounting* ghall-kumpaniji tieghu, fosthom Astoria, Perla, Valletta Publishing u San Germain. Grech xehdet li Dougall kellu diversi kontijiet b'lura dovuti minnu ghas-servizzi li kienu joffrulu u ikkonfermat illi sa Mejju 2003 kien dejjem jghid li se jhallas u qatt ma kkontesta dawn l-ammonti. Hija xehedet li taf illi fl-2003, Dougall ippropona sabiex isir negozju ma' Scerri b'dana illi jidhlu shab, nofs bin-nofs, fil-gestjoni tal-kafetterija 'Giorgiani's Cafe' fil-bajja ta' San Gorg, San Giljan. Grech xehdet illi s-sehem li kellu johrog Charles Scerri ghall-bidu ta' dan in-negozju kienu Lm 7,501.10 dovuti lilu minn Dougall u Lm 4,000 ohra maghhom, ghal total ta' Lm 11,501.10 u fil-fatt Scerri hareg l- Lm4,000 kif jidher mid- 'Dok CS5' sa 'Dok CS8' annessi mar-rikors guramentat, fejn jirreferu ghal zewg *cheques* ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) 'il wiehed u d-*deposit slips* taghhom. Grech xehedet li Dougall u Scerri fethu kont bankarju kongunt l-HSBC ta' San Gwann sabiex iservi ghall-gestjoni tan-negozju, inkluz fejn kellhom jigu depozitati l-fondi u jinhargu *cheques* ghall-hlasijiet dovuti. L-Lm4,000 li hareg Scerri gew fil-fatt depozitati f'dan il-kont. Grech xehedet illi s-sehem u l-kontribuzzjoni ta Dougall f'dan in-negozju kien jinkludi x-xiri ta' l-arredamenti kollha ghall-istess kafetterija inkluz l-ghamara, apparat u oggetti ohra sabiex tkun tista topera. Sa fejn taf hi, qabel ma sar l-ftehim bejn Scerri u Dougall, il-kafetterija kienet diga f'idejn Dougall jew xi wahda mill-kumpaniji tieghu, ghalkemm ma kinitx topera jew ma tiftakarx li Scerri ghamel xi verifiki dwar dan, izda halla kollox f'idejn Dougall minhabba li kien maghruf sew fil-qasam tal-catering u kellu esperjenza f'dan il-qasam, anke' fil-gestjoni ta' hwienet ohra simili. Grech qalet li fil-fatt Scerri anke' halla f'idejn Dougall sabiex jarma l-kafetterija b'kull ma kien hemm

bzonn, jiehu hsieb l-ingagg ta' impjegati, supplies u l-organizzazzjoni kollha ghall-gestjoni tan-negozju. Fir-rigward tal-kafetterija nnifisha, Dougall f'isem il-kumpanija tieghu Astoria, kien ftiehem ma' Scerri sabiex jikri l-fond tal-kafetterija lill-Scerri u Dougall innifsu bhala shab fin-negozju gdid ghal Lm 2,200 fis-sena. Grech xehdet illi jaf li Dougall thallas Lm 4,000 ghal kera ghas-sena 2003 u 2004, izda ma tiftakarx li qatt saru xi kuntratti bejniethom. Grech xehedet illi n-negozju tal-kafetterija kien amministrat kollu minn Dougall, bl-intendiment li kellu jzomm lil Scerri infurmat b'kull ma kien ghaddej u kellu jaghtih rendikont dettaljat tal-gestjoni shiha tan-negozju. Grech qalet illi Dougall kien inkarigat jixtri kull ma kien hemm bzonn, jimpjega l-haddiema u jhallas il-paga u jamministra n-negozju u fil-fatt il- VAT *number* tan-negozju kien f'isem Dougall. Grech tiftakar illi fil-bidu Dougall kien ghadda xi dokumentazzjoni lil Scerri dwar l-operat tal-kafetterija, u ghab-bazi ta' dan hija assistiet lil Scerri fil-preparazzjoni ta' *management accounts*, fejn hareg bic-car li r-*running costs* tan-negozju (inkluz pagi u supplies) kienu eccessivi meta mqabblin mal-profitt li kien qieghed jaghmel in-negozju. Grech xehedet illi fil-prezenza taghha, Scerri ikkonfronta lil Dougall dwar dan fejn ammetta illi n-negozju ma kienx sejjer tajjeb, izda naqas milli jaghti spjegazzjoni ghal dan. Minn dakinhar 'il quddiem, jigifiri wara ftit xhur li bdew joperaw in-negozju flimkien, Dougall naqas milli jkompli jaghti informazzjoni lil Scerri dwar l-operat tan-negozju. Hija xehedet illi kultant kien jigi iben Dougall, Rudy, sabiex Scerri jiffirmalu cekkijiet **bankarji mill-kont kongunt, liema *cheques* ma kien fihom ebda valur u lanqas kienu ndirizzati lil hadd.** Dougall, permezz tal-kumpanija tieghu Astoria, kien iforni lill-kafetterija b'kejkijiet u prodotti ta' l-istess generu u ghal dan kien jithallas direttament mill-joint account tan-negozju. Grech xehedet illi taf li Scerri qatt ma kien f'posizzjoni li jaghmel verifiki dwar il-veracita' ta' dawn il-konsenji, u Dougall seta jiddikjara u jithallas kemm irid, u l-istess jista' jinghad ghal *suppliers* tan-negozju. Grech qalet illi ghalkemm dawn kienu jithallsu, kemm hi u kemm Scerri kellom id-dubji serji dwar fejn kienu qeghdin isiru s-supplies peress illi Dougall kien jopera diversi negozji ohrajn fl-istess zona. Dan id-dubju inholoq ukoll in vista **tal-*management accounts* li saru fil-bidu tan-negozju, fejn kien deher bic-car li l-ispejjez kienu gholjin wisq u d-dhul kien wiehed baxx.**

F'dan il-kuntest importanti jissemma l-fatt li Dougall informa lil Scerri li kien nefaq aktar minn Lm7,000 bhala arredamenti ghall-kafetterija u fl-istess zmien Dougall kien qieghed jarreda ristorant iehor tieghu f'Paceville bl-isem ta' Nero, li jinsab faccata tal-

kafetterija in kwistjoni. Grech xehedet illi hija kif ukoll Scerri ghamlu diversi verifiki personalment fil-kafetterija, li kienet dejjem tkun minlija bin-nies fis-sakra u n-negozju kien jidher li sejjer tajjeb hafna u dan b'kuntrast ma l-indikazzjonijiet moghtija lil Scerri minn Dougall. Grech xehdet li is-sitwazzjoni damet sejra hekk xi sentejn, u ghajr ghall-ewwel ftit xhur Dougall qatt ma ta ebda informazzjoni ohra dwar in-negozju lil Scerri. **Fl-2005 Dougall informa lil Scerri li xtaq iwelli n-negozju u assigurah li ser jiehu lura investiment shih li kien ghamel**. Grech xehedet illi f'daqqa wahda Scerri sar jaf minghand terzi li n-negozju kien qieghed jigi gestit minn terzi, bl-avvjament u l-makkinarju u l-mobbli kollu. Scerri sar jaf b'dan kollu minhabba li xi nies gew jistaqsuh dwar dan wara li nbidlet it-tabella tal-hanut.

Mill-oltre Lm 11,500 li hareg, Grech xehedet illi Scerri ircieva lura biss Lm1,150, mill-liema hareg Lm 500 sabiex ihallas lil Maxims Ltd li kienet kreditrici tal-kafetterija, u wara li xebghu jigru wara Dougall irrikorrew ghand Scerri ghall-hlas, fejn Scerri hallas nofs dak li kien dovut min-negozju. Ghalhekk Scerri tilef qrib il-Lm11,000 minn dan in-negozju. Hija tikkonferma illi minbarra d-dokumentazzjoni moghtija lilu minn Dougall fl-ewwel xhur, Scerri ma kellu ebda indikazzjoni dwar x'kien qieghed jigri minn-negozju. Ir-rizultati juru li kien hemm *mismanagement* u nuqqas ta' trasparenza.

Jacqueline Grech in kontro-ezami xehedet illi ghamlet xoghol ta' *accountant* ma' Charles Scerri. Dwar il-bilanci dovuti mill-kumpaniji kollha tas-Sur Dougall ma' Charles Scerri dawn nhaddmu minnha peress li kienet tiehu hsieb debt collection ta' Charles Scerri. Jacqueline Grech xehedet illi l-ammont ta' Lm 7,501 jikkorrisspondi t-totalita' tad-debitu kollu dovut mis-Sur Dougall u mhux limitat biss ghax-xoghol mertu ta' din il-kawza. Jacqueline Grech xehedet illi sa fejn taf hi Anton B. Dougall dejjem hadem b'kumpaniji u l-uniku eccezzjoni kien n-negozju mertu tal-kawza odjerna fejn il-Vat *number* kien fuq ismu personali. Hija qalet li ma kinitx prezenti fl-inkontru inizjali bejn Dougall u Scerri. Jacqueline Grech taqbel illi l-*invoices* u receipts kienu mahruga fuq isem Astoria Limited u hi pero tispjega li mbaghad Astoria **kienet tbiegh** lil Cafetteria **u kwindi lil Charles Scerri u Anton Dougall**, li bdew joperaw flimkien tramite il-VAT *number* li gja semmiet. Jacqueline Grech xehedet illi ma tafx ghaliex il-VAT *number* inhareg fuq isem Anton Dougall u ma tiftakarx, illi l-ghamara u l-apparat kollu ghall-arredament u operazzjoni tan-negozju bhala s-sehem u kontribuzzjoni ta' Dougall kien fil-fatt inxtara minn Astoria Limited. Hi qalet li ghaddew ghaxar snin u li

l-ftehim bejn Scerri u Dougall qatt ma gie f'idejha. Hi xhedet **li *accounts* personali tas-Sur Dougall qatt ma hadmu, eskluzi dejjem ta din il-*Cafeteria*. Jacqueline Grech qalet illi huma dejjem hadmu fuq il-kumpaniji tieghu**. Cekkijiet kellhom ikunu ffirmati konguntivament min Dougall u Scerri u d-dokumenti tal- Cafetteria kienu jigu inputtjati go Sage. Dougall u t-tifel tieghu kienu jtuhom id-dokumenti u l-input kien isir fuq il-*computers* gewwa l-ufficju ta' Dougall. L-*accounts* hemm ukoll kienu jinhadmu. Jacqueline Grech xehedet illi ma l-ewwel *management accounts* ftit xhur wara li beda l-*business,* indunaw li l-business ma kienx sejjer tajjeb u li l-operat baqa sejjer sena u nofs. **Scerri kien jiffirma *cheque in blank*** u jhallihom ghad-disposizzjoni tas-Sur Dougall u dan kien isir minkejja li l-business ma kienx sejjer tajjeb. Hi qalet li dak iz-zmien s-Sur Dougall kien jafdaha u tikkoregi ruhha billi tghid li fis-Sage System li kien isir fl-ufficju ta' Dougall u kien isir mit-tifel tas- Sur Dougall u huma verifiki biss kienu jaghmlu. Fejn kien hemm bzonn ta' korezzjoni, dak l-inputting kienu jaghmluh huma u dan dejjem fl-ufficju tas- Sur Dougall. Gie ssuggerit lilha illi certu Ruth mill-ufficju taghhom kienet tmur sabiex taghmel hi l-inputting tad-data u Jacqueline tirrispondi li meta kienet responsabbli hi tal-kontijiet tal-Cafetteria, **hija *review* biss ghamlet**. Jacqueline Grech tikkonferma li Ruth kienet tmur ghand Dougall pero' x'kienet taghmel hi ma tafx u tikkonferma ukoll li impjegati ohra gieli marru, izda ma tafx x'ghamlu. Hija taqbel illi l-firma fuq l-*invoices* tfisser li dawk l-*invoices* kienu posted fis-sistema. Meta gie suggerit lilha li l-*invoices* u d-dokumenti ta' *accounts* kienu u huma kollha ffirmati mill-istaff taghhom, hi rrispondiet li m'hijiex sorpriza peress li kif diga spjegat, meta kien hemm bzonn anke hi kienet taghmel l-*inputting*. Jacqueline Grech qalet li ma tiftakarx li n-Nero nfetah ferm qabel il-Giorgiani's kif qed jigi suggerit lilha u lanqas ma tiftakar li s-Lm7000 li nefqet l-Astoria kienu wkoll backed bid-dokumenti u rcevuti. Jacqueline Grech xehedet illi fl-affidavit taghha hemm mnizzel li kien ikun hemm nies fis-sakra u li ma tafx ghaliex hemm miktub hekk fl-affidavit taghha – mill-Giorgiani's alcohol ma kienx jinbiegh. Jacqueline Grech xehedet illi ma tiftakarx jekk Dougall baqax jghaddi informazzjoni lilhom dwar in-negozju, u dan b'riferenza ghall-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar ta' l-affidavit taghha, meta tghid li Dougall waqqaf l-informazzjoni lil Scerri. Hi qalet li ma tafx meta spicca l-operat bejniethom izda ikkonfermat li jekk hemm karti ffirmati jfisser li l-operat baqa' ghaddej u informazzjoni baqa' jtihom. Dwar l-intenzjoni ta' Dougall li jwelli l-post fl-2005 tghid li dan tafu ghax qalulha Scerri u dan jghodd ukoll

dwar x'sar jaf Scerri minn terzi. Hi tghid li ma tafx li Scerri ma kienx interressat jithallas b'apparat peress li dan kellu garaxx shih apparat.

Dwar il-pagamenti li rcieva Scerri u msemmi fl-ahhar paragrafu, Jacqueline Grech qalet li hi kienet rat *cheques* ta' Lm1,150. Maxims kien qalla li hemm xi bilanci fuq Giorgiani's u tah Lm 500 kif spjegat fl-affidavit taghha. Dan kollu mill-memorja taghha. Jacqueline Grech xehedet illi il-Lm 500 thallsu mill-kont personali ta' Scerri u sa fejn taf hi, dan il-pagament ta' Lm 500 kien nofs il-bilanc dovut lil Maxims u kwindi Scerri kien hallas sehemu. Meta gie ssuggerit lilha li Dougall hallas Lm 1,000 lil Maxims, hi rrispondiet li ma tafx. Id-denunzji tal-VAT huma kienu jaghmluhom u ma tafx meta waqfu jimlew d-denuzji. Il- VAT kienu jimtlew mid-data li kienu jircievu minn Dougall u huma imbaghad kienu jibghatuhom.

Grech jsostni li l-Lm 11,000 li tilef Scerri huma kalkolati kif gej:

1. Kien hemm Lm7,500 li Charles Scerri kellu jiehu minghand diversi kumpaniji ta' Dougall, u li allura dwar dan kien sar ftehim li Dougall ihallas dawn, u jitqeghdu bhala nofs sehem Scerri fil-Cafetteria.
2. Ma dawn kellhom jizdiedu zewg pagamenti addizjonali ghal Scerri fl-ammont ta' LM 2,000 li jammontaw ghal Lm 4,000 li maghqudin mas-sehem ta' Scerri jitilghu Lm11,500.
3. Pagament ta' Lm 500 biex ihallas lil Maxims
4. Min dan ghandhom jitnaqqsu Lm1,150 li kien ircieva Scerri.

Jacqueline Grech xehedet li ghandha amment li Charles Scerri kien jircievi pagamenti mensili mill-operat tal-Cafetteria. Hija qalet li dawn il-pagamenti ma dahlux fil-kalkoli taghha. Hi qalet li ma tiftakarx li Giorgiani's kellu sub-metre ghalih u ma tiftakarx li Dougall kien jilmenta mis-servizzi taghhom. Grech tahseb li hija biss kienet tahdem fuqhom. Mat-twaqqif ta' l-operat hija tifhem li l-bank account inghalaq izda ma tiftakarx u ma tafx x'sar mill-bilanc.

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi **"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et nomine",** Appell 29 ta' Mejju 1998). **"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."** Appell 6 t'Ottubru 1999; **"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",** Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

**Ikkonsidrat:**

Din hija azzjoni dwar ghotja ta' rendikont mill-konvenut dwar it-tmexxija ta' negozju, f'liema negozju l-attur huwa shab mal-konvenut.

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-kaz jirrigwardaw il-jedd tal-attur li jitlob li jinghatalu rendikont ta' kif il-konvenut amministra n-negozju ta' Giogiani's Café, u l-alienazzjoni lil terzi tal-istess negozju, inkluz il-makkinarju u mobbli ohra formanti parti mill-istess negozju.

Primarjament jinghad illi ma huwiex kontestat li l-partijiet kienu socji fin-negozju ta' Giorgiani's Café'. L-artikolu 1644 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla n-nozzjoni ta' 'socjeta' u jghid illi hu:

> ***Kuntratt li bih tnejn min-nies jew izjed jiftiehmu li jqieghdu xi haga in komun, sabiex jaqsmu l-qligh li b'hekk jistghu jiehdu.***

L-artikolu 1650, tal-Kap 16, jaghti definizzjoni ta' socjeta' partikolari bhala:

> ***'dik li jkollha b'oggett xi hwejjeg partikolari, jew l-uzu taghhom, jew il-frottijiet li jistghu jittiehdu minnhom, jew xi impriza partikolari jew l-ezercizzju ta' xi sengha jew professjoni."***

Fil-kawza odjerna, l-oggett tal-assocjazzjoni min-naha tal-attur kien l-ezercizzju ta' awditjar, u min-naha tieghu l-konvenut kellu jamministra n-negozju.

Jinghad illi fl-artikolu 1233(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola *civil partnerships*, insibu li l-ligi timponi ***ad validitatem***, u mhux ***ad probationem tantum***, il-forma skritta fil-kaz tas-socjetajiet civili, u fil-kaz ta' skrittura privata, din ghandha, taht piena ta' nullita', tigi ffirmata mill-partijiet kollha.

F'din il-kawza, ghalkemm ma nghatat ebda eccezzjoni f'dan is-sens, huwa essenzjali ghad-determinazzjoni tad-definizzjoni tar-rabta bejn il-partijiet, li jigi stabbilit jekk il-ftehim sar bil-miktub, ghaliex fin-nuqqas ta' dan r-rekwizit essenzjali ta' forma, il-figura ta' socjeta' civili ma tistax treggi.

Ma saret l-ebda prova dwar kitba li tirregola dan in-negozju komuni bejn il-partijiet, u l-partijiet huma konkordi (nota tal-atturi pagna 13), li tali kitba ma saritx. Fil-kawza odjerna kellu jsir xoghol professjonali ta' awditjar, u l-konvenut kellu jamministra n-negozju. Fil-fatt, jidher li l-arrangament bejn il-partijiet kien wiehed ta' ***joint venture*** fejn il-ftehim kien jidher li kien ta' ***contribution and division of profits***, u ghalhekk ma

humiex applikabbli n-normi li jiggvernaw is-socjetajiet civili ai termini tal-artikoli 1644 *et seq*.

Il-massa ta' qliegh igib stat ta' komunjoni *pro tanto* bejn l-assocjati u ghalhekk huma applikabbli r-regoli tal-komunjoni (App. Kumm**. Giuseppe Zammit vs Carmelo Zahra – 14/11/1958**). Huwa ukoll necessarju li ssir il-likwidazzjoni, jew inkella dak is-socju illi jkollu l-kotba f'idejh jaghti kont regolari tal-attivita' ta' dik is-socjeta' ghall-imghoddi ghaliex mhux gust illi dak is-socju jibqa' sejjer b'kollox a dannu ta' haddiehor (**Giovanni Lanzon vs Giuseppe Vella – App. Civ. 12/1/1948**).

Illi fil-kawza odjerna rrizulta car li l-konvenut ma kienx jaghti rendikont regolari tal-attivita' tal- *joint venture,* u bl-applikazzjoni tal-istess principji hawn fuq enunzjati, l-attur kellu d-dritt li jitlob rendikont tal-kontijiet da parti ta' minn kien inkarigat mill-amministrazzjoni tal-assocjazzjoni. L-attur kien fil-fatt ukoll intitolat jitlob, kif ghamel, il-likwidazzjoni ta' sehemu mill-assocjazzjoni, u dan a bazi tal-principju li hadd ma huwa obbligat li jibqa' fi stat ta' komun (artikolu 496 tal-Kap. 16).

Bejn il-partijiet ma kienx hemm relazzjoni ta' imghallem u impjegat, izda kien hemm komunjoni li seta' jigi terminat b'rikjesta ghax-xoljiment tal-komunjoni u l-konsegwenzjali likwidazzjoni.

Il-process ta' likwidazzjoni jinvolvi komputazzjoni tal-valur tas-sehem tal-assocjati, kif ukoll il-valur finanzjarju tal-kontribut inizjali tal-membri li waqqfu l-assocjazzjoni.

Dak li kellu dritt jitlob l-attur, huwa x-xoljiment u likwidazzjoni ta' dak li hu dovut lilu ghax-xoghol li kien ghamel qabel it-talba ghal-likwidazzjoni. Illi f'dan ir-rigward ukoll tapplika l-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non eu qui negat*. Huwa l-oneru tal-attur li jressaq provi u jitlob id-dokumentazzjoni mehtiega sabiex tista' ssir tali likwidazzjoni.

Fuq din il-likwidazzjoni ghandu jigi nuttat illi minkejja li tressqu diversi provi ma saret ebda prova inekwivoka tal-massa globali ta' assi prezenti fil-mument tat-talba bil-valur relattiv. B' riferenza ghax-xhieda ta' Charles Scerri u Jacqueline Grech jirrizulta illi l-

attur ippretenda l-hlas ta' cirka LM 11,000 jew € 25,623.10. Dawn gew divizi kif gej skont ix-xhieda ta' Jacquline Grech:

> *"1. Kien hemm Lm7,500 li Charles Scerri kellu jiehu minghand diversi kumpaniji ta' Dougall, u li allura dwar dan kien sar ftehim li Dougall ihallas dawn, u jitqeghdu bhala nofs sehem Scerri fil-Cafetteria.*
>
> *Ma dawn kellhom jizdiedu zewg pagamenti addizjonali ghal Scerri fl-ammont ta' LM 2,000 li jammontaw ghal Lm 4,000 li maghqudin mas-sehem ta' Scerri jitilghu Lm11,500.*
>
> *Min dan ghandhom jitnaqqsu Lm1,150 li kien ircieva Scerri, mill-liema hareg Lm 500 biex ihallas lil Maxims.*

Dan jfisser:

Lm 7,500+
4,000
11,500 -
1,150
10,350+
500

**Lm 10,850 ekwivalenti ghall €25,273.70**

Din ic-cifra ghalhekk hija kkonfermata minn zewg xhieda tal-attur u fuq kollox ma gietx direttament attakatta jew michuda mill-intimat. Jirrizulta ghalhekk illi dan l-ammont ghandu jithallas.

Fil-provi ma jirrizultax illi hemm xi assi ohra ta' valur li l-attur ghamel xi pretensjoni fuqhom jew dwarhom.

Dwar it-talba ghal sejba ta' amministrazzjoni doluza u/jew negligenti da parti ta' l-intimat jigi sottolineat mill-provi prodotti illi kien hemm storja bejn iz-zewg

kontendenti fin-negozju komun. L-attur, kemm-il darba ma kienx sodisfat mill-amministrazzjoni ta' l-intimat, ma hax passi diretti kontra tieghu, ghajr b' din il-kawza, li hija kawza primarjament intenzjonata ghax-xoljiment ta' l-assi. Minkejja li huwa evidenti li hemm storja u kontestazzjoni bejn il-partijiet, ma hemmx prova inekwivoka ta' amministrazzjoni negligenti jew adirittura doluza.

Dwar it-talba ghad-danni jigi rilevat illi fil-mori tal-kawza ma saret ebda prova tat-tip tad-danni li qed jigu reklamati u ma saret ebda prova tal-*quantum* tad-dannu reklamant. Ghalhekk ma hemmx bazi ghal likwidazzjoni jew ordni ta' hlas ta' danni addizzjonali oltre l-kumpens fuq spjegat.

Dwar l-eccezzjonijiet ghandu jinghad illi l-ewwel eccezzjoni hija generali. It-tieni sal-hames eccezzjoni ma jistghux jintlaqghu peress illi mill-provi irrizulta illi effettivament il-kontendenti, minkejja li ma kellhomx *partnership* f' sens kummercjali, kellhom negozju in komun kif gja' spjegat. Dwar is-sitt eccezzjoni jirrizulta illi. tajjeb jew hazin. l-attur ezegwixxa xi xoghol u kieku din l-eccezzjoni kienet immirata ghal xi forma ta' tnaqqis ta' kumpens lill-attur jew kumpens lill-intimat **din kellha ssir f' kontro-talba**. L-istess jinghad fil-konfront tas-seba' eccezzjoni. It-tmien u d-disa' eccezzjonijiet jirrigwardaw fatti fil-kawza jew trattattivi extra-gudizzjarji. Fil-konfront ta' l-ghaxar eccezzjoni jirrizulta illi l-attur ma gabx prova kuntrarja ai termini tar-raba' talba u li din allura trid tigi akkolta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel, it-tieni u it-tielet talbiet tal-attur u tillikwida sehem l-attur fin-negozju u kull somma ohra dovuta mill-qliegh tan-negozju jew mill-aljenazzjoni tal-istess fis somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn tlieta u sebghin Ewro u sebghin centezmi (€25,273.70), tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma fuq indikata ta' hamsa u ghoxrin elf, mitejn tlieta u sebghin Ewro u sebghin centezmi (€25,273.70) lill-attur bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv. Inoltre l-intimat ghandu fi zmien tlett (3) xhur jipprezenta rendikont ta' l-amministrazzjoni tieghu.

Tichad ir-raba', il-hames, is-sitt u s-sebgha talbiet tal-attur.

Tichad l-eccezzjoni minn wiehed sa' disa' tal-intimat u tilqa' l-ghaxar eccezzjoni tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

***U b'digriet tat-12 ta' Jannar 2021, isem l-intimat gie korrett sabiex jaqra "Anton Busuttil Dougall".**